Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2021/0376(COD)

16.5.2022

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2011/61/UE u 2009/65/KE fir-rigward tal-arranġamenti ta' delega, il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, ir-rapportar superviżorju, il-forniment ta' servizzi depożitarji u ta' kustodja u l-oriġinazzjoni tas-self minn fondi ta' investiment alternattivi
(COM(2021)0721 – C9-0439/2021 – 2021/0376(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Isabel Benjumea Benjumea

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 70

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2011/61/UE u 2009/65/KE fir-rigward tal-arranġamenti ta' delega, il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, ir-rapportar superviżorju, il-forniment ta' servizzi depożitarji u ta' kustodja u l-oriġinazzjoni tas-self minn fondi ta' investiment alternattivi (COM(2021)0721 – C9-0439/2021 – 2021/0376(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0721),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0439/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar l-użu ta' atti delegati,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 59, 40 u 41 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

4. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Biex tiżdied l-effiċjenza tal-attivitajiet tal-AIFM, il-lista ta' servizzi anċillari awtorizzati stabbilita fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2011/61/UE jenħtieġ li tiġi estiża biex tinkludi l-amministrazzjoni ta' parametri referenzjarji regolata mir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] u s-servizzjar tal-kreditu regolat mid-Direttiva 2021/…./UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28].	(3) Biex tiżdied l-effiċjenza tal-attivitajiet tal-AIFM, il-lista ta' servizzi anċillari awtorizzati stabbilita fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2011/61/UE jenħtieġ li tiġi estiża biex tinkludi l-amministrazzjoni ta' parametri referenzjarji regolata mir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] u s-servizzjar tal-kreditu regolat mid-Direttiva 2021/…./UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] ***u kwalunkwe servizz anċillari ieħor li mhuwiex regolat bħala servizz ta' investiment skont id-Direttiva 2014/65/UE, li jirrappreżenta kontinwazzjoni tas-servizzi diġà mwettqa mill-AIFM jew użu ta' kompetenzi interni, u li ma joħloqx kunflitti ta' interess li ma jistgħux jiġu amministrati minn regoli addizzjonali***.
[27] Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1-65).	[27] Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1-65).
[28] ĠU C , , p. .	[28] ĠU C , , p. .

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-AIFMs li jipprovdu servizzi anċillari li jinvolvu strumenti finanzjarji huma soġġetti għar-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29]. Fir-rigward ta' assi oħrajn, li ma humiex strumenti finanzjarji, l-AIFMs jenħtieġ li jkunu meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/61/UE.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

[29] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Biex tiġi żviluppata ħarsa ġenerali affidabbli tal-attivitajiet ta' delega fl-Unjoni rregolati mill-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/61/UE u biex jiġu infurmati deċiżjonijiet ta' politika futuri jew azzjonijiet superviżorji, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jipprovdu lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") b'notifiki ta' delega meta AIFM jiddelega aktar ġestjoni tal-portafoll, jew funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju tal-AIF, milli jimmaniġġa hu stess għal entitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti tal-proċess ta' notifika fil-qasam tad-delega, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], biex jiġu speċifikati l-kontenut, il-formoli u l-proċeduri biex jiġi standardizzat il-proċess ta' notifika tal-arranġamenti ta' delega tal-AIFMs. Il-formola ta' notifika jenħtieġ li jkun fiha kampijiet tad-data li jindikaw l-attivitajiet li jiffurmaw il-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju u tal-portafoll sabiex jiġi ddeterminat jekk AIFM ikunx iddelega aktar minn tali funzjonijiet milli jkun żamm. Dawk l-istandards tekniċi regolatorji jenħtieġ li jiġu adottati abbażi ta' abbozz żviluppat mill-ESMA.	***imħassar***

---

[30] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-kummerċjalizzazzjoni tal-AIFs mhux dejjem titwettaq direttament mill-AIFM iżda minn distributur wieħed jew aktar f'isem l-AIFM jew f'isimhom stess. Jaf ikun hemm ukoll każijiet fejn konsulent finanzjarju indipendenti jikkummerċjalizza fond mingħajr l-għarfien tal-AIFM. Il-parti l-kbira tad-distributuri tal-fondi huma soġġetti għal rekwiżiti regolatorji skont id-Direttiva 2014/65/UE jew id-Direttiva 2016/97/UE, li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni u l-firxa tar-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-klijenti tagħhom stess. Id-Direttiva 2011/61/UE għandha għaldaqstant tirrikonoxxi d-diversità tal-arranġamenti ta' distribuzzjoni u tiddistingwi bejn arranġamenti li bihom distributur jopera f'isem l-AIFM, li għandu jitqies bħala arranġament ta' delega, u arranġamenti li bihom distributur jaġixxi f'ismu stess, f'liema każ id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva dwar id-delega ma għandhomx japplikaw.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***wkoll*** regoli komuni biex jitwaqqaf suq intern effiċjenti għall-AIFs li joriġinaw self, biex jiġi żgurat livell uniformi ta' protezzjoni tal-investituri fl-Unjoni, sabiex l-AIFs	(9) ***Fondi ta' investiment li jipprovdu self jistgħu jkunu sors ta' finanzjament alternattiv għall-ekonomija reali. Tabilħaqq, fondi bħal dawn jistgħu jipprovdu finanzjament kritiku għall-***

ikunu jistgħu jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom permezz ta' self oriġinarju fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni u biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal finanzjament mill-kumpaniji tal-UE, li huwa objettiv ewlieni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali ("CMU").[31] Madankollu, minħabba s-suq tal-kreditu privat li qed jikber b'rata mgħaġġla, huwa meħtieġ li jiġu indirizzati r-riskji mikro u r-riskji makroprudenzjali potenzjali li l-AIFs li joriġinaw is-self jistgħu joħolqu u jifirxu għas-sistema finanzjarja usa'. Ir-regoli applikabbli għall-AIFMs li jimmaniġġjaw fondi li joriġinaw self jenħtieġ li jiġu armonizzati sabiex itejbu l-ġestjoni tar-riskju fis-suq finanzjarju kollu u jżidu t-trasparenza għall-investituri.

intrapriżi żgħar u ta' daqs medju tal-Unjoni li għalihom huwa aktar diffiċli li jaċċessaw sorsi ta' self tradizzjonali. Barra minn hekk, il-valur tal-kreditu privat għandu jiġi rikonoxxut fil-promozzjoni tal-fiduċja tal-investituri fis-suq tal-Unjoni. Madankollu, approċċi regolatorji nazzjonali diverġenti jfixklu l-istabbiliment ta' suq intern effiċjenti għall-AIFs li joriġinaw self billi jippromwovu arbitraġġ regolatorju u livelli differenti ta' protezzjoni tal-investituri. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti ***għaldaqstant*** regoli komuni biex jitwaqqaf suq intern effiċjenti għall-AIFs li joriġinaw self, biex jiġi żgurat livell uniformi ta' protezzjoni tal-investituri fl-Unjoni, sabiex l-AIFs ikunu jistgħu jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom permezz ta' self oriġinarju fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni u biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal finanzjament mill-kumpaniji tal-UE, li huwa objettiv ewlieni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali ("CMU").[31] Madankollu, minħabba s-suq tal-kreditu privat li qed jikber b'rata mgħaġġla, huwa meħtieġ li jiġu indirizzati r-riskji mikro u r-riskji makroprudenzjali potenzjali li l-AIFs li joriġinaw is-self jistgħu joħolqu u jifirxu għas-sistema finanzjarja usa'. Ir-regoli applikabbli għall-AIFMs li jimmaniġġjaw fondi li joriġinaw self jenħtieġ li jiġu armonizzati sabiex itejbu l-ġestjoni tar-riskju fis-suq finanzjarju kollu u jżidu t-trasparenza għall-investituri. ***Madankollu, jenħtieġ li jiġi mfakkar li d-Direttiva 2011/61/UE ma tirregolax prodotti ta' investiment speċifiċi.***

[31] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid (COM/2020/590 final).

[31] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid (COM/2020/590 final).

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi limitat il-kunflitt ta' interess, l-AIFMs u l-persunal tagħhom jenħtieġu li ma jirċevux self minn AIFs li joriġinaw self li huma jimmaniġġjaw. Bl-istess mod, id-depożitarju tal-AIF u l-persunal tiegħu jew id-delegat tal-AIFM u l-persunal tiegħu jenħtieġ li jkunu pprojbiti milli jirċievu self mill-AIFs assoċjati.	(12) Sabiex jiġi limitat il-kunflitt ta' interess, l-AIFMs u l-persunal tagħhom jenħtieġu li ma jirċevux self minn AIFs li joriġinaw self li huma jimmaniġġjaw. Bl-istess mod, id-depożitarju tal-AIF u l-persunal tiegħu jew id-delegat tal-AIFM u l-persunal tiegħu ***jew entitajiet fi ħdan l-istess grupp bħal dak tal-AIFM u l-persunal tagħhom*** jenħtieġ li jkunu pprojbiti milli jirċievu self mill-AIFs assoċjati.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-Direttiva 2011/61/UE jenħtieġ li tirrikonoxxi d-dritt tal-AIFs li joriġinaw self u li jinnegozjaw dak is-self fis-suq sekondarju. ***Sabiex jiġi evitat il-periklu morali u tinżamm il-kwalità tal-kreditu ġenerali tas-self li joriġina mill-AIFs***, ***self bħal dan jenħtieġ*** li ***jkun soġġett għal rekwiżiti tar-ritenzjoni tar-riskju sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet li fihom is-self*** ikun oriġina bl-iskop uniku li jinbiegħ.	(13) Id-Direttiva 2011/61/UE jenħtieġ li tirrikonoxxi d-dritt tal-AIFs li joriġinaw self u li jinnegozjaw dak is-self fis-suq sekondarju. ***Madankollu, jenħtieġ li l-AIFs ma jsegwux strateġija ta' investiment b'mudell "oriġina u ddistribwixxi"***, ***jiġifieri strateġija ta' investiment*** li ***fiha s-self*** ikun oriġina bl-iskop uniku li jinbiegħ.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Self illikwidu fuq terminu twil, li jkun miżmum mill-AIFs jista' joħloq diskrepanzi fil-likwidità jekk l-istruttura miftuħa tal-AIFs tippermetti lill-investituri jifdu l-unitajiet jew l-ishma ta' fondi tagħhom fuq bażi frekwenti. Għalhekk, huwa meħtieġ li jittaffew ir-riskji relatati mat-trasformazzjoni tal-maturità billi tiġi imposta struttura magħluqa għal AIFs li joriġinaw self, minħabba li l-fondi magħluqa ma jkunux vulnerabbli għad-domandi ta' tifdija u jistgħu jżommu self oriġinat sal-maturità.	(14) Self illikwidu fuq terminu twil, li jkun miżmum mill-AIFs jista' joħloq diskrepanzi fil-likwidità jekk l-istruttura miftuħa tal-AIFs tippermetti lill-investituri jifdu l-unitajiet jew l-ishma ta' fondi tagħhom fuq bażi frekwenti. Għalhekk, ***meta AIFM ma jkunx jista' juri lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu li l-AIF għandu likwidità robusta,*** huwa meħtieġ li jittaffew ir-riskji relatati mat-trasformazzjoni tal-maturità billi tiġi imposta struttura magħluqa għal AIFs li joriġinaw self, minħabba li l-fondi magħluqa ma jkunux vulnerabbli għad-domandi ta' tifdija u jistgħu jżommu self oriġinat sal-maturità. ***Sabiex jiġu żgurati kriterji konsistenti li l-awtorità kompetenti jużaw biex jiddeterminaw jekk AIF wriex likwidità robusta għal dawn l-għanijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] biex jiġu stabbiliti dawk il-kriterji. Dawk l-istandards tekniċi regolatorji jenħtieġ li jiġu adottati abbażi ta' abbozz żviluppat mill-ESMA.***
	_____
	1a Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Bi tħejjija għall-bidliet futuri għall-obbligi ta' rapportar superviżorju, l-ambitu tad-data li tista' tkun meħtieġa mill-AIFMs jenħtieġ li jitwessa' billi jitneħħew il-limitazzjonijiet, li jiffokaw fuq negozji u skoperturi kbar jew kontropartijiet. Jekk l-ESMA tiddetermina li divulgazzjoni sħiħa tal-portafoll lis-superviżuri fuq bażi perjodika tkun iġġustifikata, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/61/UE jenħtieġ li jakkomodaw it-twessigħ meħtieġ tal-ambitu tar-rapportar.	(17) Bi tħejjija għall-bidliet futuri għall-obbligi ta' rapportar superviżorju, l-ambitu tad-data li tista' tkun meħtieġa mill-AIFMs jenħtieġ li jitwessa' billi jitneħħew il-limitazzjonijiet, li jiffokaw fuq negozji u skoperturi kbar jew kontropartijiet ***u billi jżidu kategoriji oħra ta' data li tkun se tingħata lill-awtoritajiet kompetenti***. Jekk l-ESMA tiddetermina li divulgazzjoni sħiħa tal-portafoll lis-superviżuri fuq bażi perjodika tkun iġġustifikata, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/61/UE jenħtieġ li jakkomodaw it-twessigħ meħtieġ tal-ambitu tar-rapportar.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex il-maniġers tal-AIFs miftuħa bbażati fi kwalunkwe Stat Membru jkunu jistgħu jittrattaw il-pressjonijiet tat-tifdija taħt kundizzjonijiet ta' stress fis-suq, jenħtieġ li jkunu meħtieġa jagħżlu mill-inqas LMT wieħed mil-lista armonizzata stabbilita fl-Anness, apparti l-possibbiltà li jiġu sospiżi t-tifdijiet. Meta AIFM jieħu deċiżjoni biex jattiva jew jiddiżattiva ***l-LMT***, jenħtieġ li jinnotifika lill-awtoritajiet superviżorji. Dan jippermetti lill-awtoritajiet superviżorji jittrattaw aħjar it-	(21) Sabiex il-maniġers tal-AIFs miftuħa bbażati fi kwalunkwe Stat Membru jkunu jistgħu jittrattaw il-pressjonijiet tat-tifdija taħt kundizzjonijiet ta' stress fis-suq, jenħtieġ li jkunu meħtieġa jagħżlu mill-inqas LMT wieħed mil-lista armonizzata stabbilita fl-Anness, apparti l-possibbiltà li jiġu sospiżi t-tifdijiet. Meta AIFM jieħu deċiżjoni biex jattiva jew jiddiżattiva ***ċerti LMTs f'sitwazzjonijiet ta' stress fil-likwidità***, jenħtieġ li jinnotifika lill-awtoritajiet superviżorji. Dan jippermetti

tixrid potenzjali tat-tensjonijiet tal-likwidità fis-suq usa'.	lill-awtoritajiet superviżorji jittrattaw aħjar it-tixrid potenzjali tat-tensjonijiet tal-likwidità fis-suq usa'.
	Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità mill-maniġers ta' fondi miftuħa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42], sabiex jiġi speċifikat il-proċess għall-għażla u l-użu tal-LMTs biex tiġi ffaċilitata l-konverġenza tas-suq u dik superviżorja. Dawk l-istandards tekniċi regolatorji jenħtieġ li jiġu adottati abbażi ta' abbozz żviluppat mill-ESMA.	(23) Sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità mill-maniġers ta' fondi miftuħa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42], sabiex jiġi speċifikat il-proċess għall-għażla u l-użu tal-LMTs biex tiġi ffaċilitata l-konverġenza tas-suq u dik superviżorja. Dawk l-istandards tekniċi regolatorji jenħtieġ li jiġu adottati abbażi ta' abbozz żviluppat mill-ESMA. ***Dawk l-istandards jenħtieġ li jirrikonoxxu li r-responsabbiltà primarja għall-immaniġġjar tar-riskju tal-likwidità tibqa' f'idejn l-AIFM.***
[42] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).	[42] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).
	Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri ***u jiġu indirizzati r-riskji*** tal-istabbiltà finanzjarja, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jitolbu li maniġer ta' fond miftuħ jattiva jew jiddiżattiva l-LMT xierqa.	(24) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri ***meta jkun hemm riskji*** tal-istabbiltà finanzjarja, ***f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni u wara konsultazzjoni mal-maniġer ikkonċernat,*** jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jitolbu li maniġer ta' fond miftuħ jattiva jew jiddiżattiva l-LMT xierqa.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Biex tappoġġa l-konverġenza superviżorja fil-qasam tad-delega, l-ESMA jenħtieġ li twettaq rieżami bejn il-pari dwar il-prattiki superviżorji b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni tal-ħolqien ta' entitajiet kaxxa tal-ittri. L-analiżi tal-ESMA ***tar-rieżamijiet*** bejn il-pari se tikkontribwixxi għar-rieżami tal-miżuri adottati f'din id-Direttiva u tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura addizzjonali li tista' tkun meħtieġa biex tappoġġa l-effettività tar-reġimi ta' delega stabbiliti fid-Direttiva 2011/61/UE.	(28) Biex tappoġġa l-konverġenza superviżorja fil-qasam tad-delega, l-ESMA jenħtieġ li twettaq rieżami bejn il-pari dwar il-prattiki superviżorji b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni tal-ħolqien ta' entitajiet kaxxa tal-ittri. L-analiżi tal-ESMA ***tar-rieżami*** bejn il-pari se tikkontribwixxi għar-rieżami tal-miżuri adottati f'din id-Direttiva u tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura addizzjonali li tista' tkun meħtieġa biex tappoġġa l-effettività tar-reġimi ta' delega stabbiliti fid-Direttiva 2011/61/UE.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Il-kummerċjalizzazzjoni tal-UCITS mhux dejjem titwettaq direttament mill-kumpanija tal-maniġment iżda minn distributur wieħed jew aktar f'isem il-kumpanija tal-maniġment jew f'isimhom stess. Jaf ikun hemm ukoll każijiet fejn konsulent finanzjarju indipendenti jikkummerċjalizza fond mingħajr l-għarfien tal-kumpanija tal-maniġment. Il-parti l-kbira tad-distributuri tal-fondi huma soġġetti għal rekwiżiti regolatorji skont id-Direttiva 2014/65/UE jew id-Direttiva 2016/97/UE, li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni u l-firxa tar-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-klijenti tagħhom stess. Id-Direttiva 2009/65/KE jenħtieġ li għaldaqstant tirrikonoxxi d-diversità tal-arranġamenti ta' distribuzzjoni u tiddistingwi bejn arranġamenti li bihom distributur jopera f'isem il-kumpanija tal-maniġment, li għandu jitqies bħala arranġament ta' delega, u arranġamenti li bihom distributur jaġixxi f'ismu stess, f'liema każ id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva dwar id-delega ma għandhomx japplikaw.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Xi swieq ikkonċentrati ma għandhomx provvista kompetittiva ta' servizzi tad-depożitarji. Sabiex jiġi indirizzat dan in-nuqqas ta' fornituri ta'	(29) Xi swieq ikkonċentrati ma għandhomx provvista kompetittiva ta' servizzi tad-depożitarji. Sabiex jiġi indirizzat dan in-nuqqas ta' fornituri ta'

servizzi li jista' jwassal għal spejjeż akbar għall-AIFMs u suq tal-AIF inqas effiċjenti, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jippermettu lill-AIFMs jew lill-AIFs jakkwistaw servizzi tad-depożitarji li jinsabu fi Stati Membri oħra filwaqt li l-Kummissjoni tivvaluta, fil-kuntest tar-rieżami tagħha tad-Direttiva 2011/61/UE, jekk ikunx xieraq li jiġu proposti miżuri biex jinkiseb suq aktar integrat.	servizzi li jista' jwassal għal spejjeż akbar għall-AIFMs u suq tal-AIF inqas effiċjenti, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jippermettu lill-AIFMs jew lill-AIFs jakkwistaw servizzi tad-depożitarji li jinsabu fi Stati Membri oħra filwaqt li l-Kummissjoni tivvaluta, fil-kuntest tar-rieżami tagħha tad-Direttiva 2011/61/UE, jekk ikunx xieraq li jiġu proposti miżuri biex jinkiseb suq aktar integrat. ***Bħala parti minn dak ir-rieżami, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq studju komprensiv dwar il-benefiċċji u r-riskji potenzjali tal-introduzzjoni ta' passaport depożitarju tal-Unjoni, b'mod partikolari f'termini ta' tnaqqis tal-ispejjeż, li jippermetti l-għażla ta' servizzi depożitarji aktar kompetittivi minn Stati Membri oħra u li jestendi l-għażliet disponibbli għall-maniġers.***

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Sabiex l-investituri jiġu protetti aħjar, il-fluss tal-informazzjoni mill-AIFMs għall-investituri tal-AIF jenħtieġ li jiżdied. Biex l-investituri tal-AIFs ikunu permessi jittraċċaw aħjar l-ispejjeż tal-fond ta' investiment, l-AIFMs jenħtieġ li ***jidentifikaw tariffi li jkunu se jitħallsu mill-AIFM jew mill-affiljati tiegħu, kif ukoll*** jirrapportaw perjodikament dwar it-tariffi u l-imposti kollha li jkunu allokati direttament jew indirettament lill-AIF ***jew lil kwalunkwe wieħed mill-investimenti tiegħu***. Jenħtieġ li l-AIFMs ikunu meħtieġa wkoll jirrapportaw lill-investituri dwar il-kompożizzjoni tal-portafoll ta' self oriġinat.	(31) Sabiex l-investituri jiġu protetti aħjar, il-fluss tal-informazzjoni mill-AIFMs għall-investituri tal-AIF jenħtieġ li jiżdied. Biex l-investituri tal-AIFs ikunu permessi jittraċċaw aħjar l-ispejjeż tal-fond ta' investiment, l-AIFMs jenħtieġ li jirrapportaw perjodikament dwar it-tariffi u l-imposti kollha li jkunu allokati direttament jew indirettament lill-AIF. Jenħtieġ li l-AIFMs ikunu meħtieġa wkoll jirrapportaw lill-investituri dwar il-kompożizzjoni tal-portafoll ta' self oriġinat.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Biex tiġi żviluppata ħarsa ġenerali affidabbli tal-attivitajiet ta' delega fl-Unjoni rregolati mill-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/65/KE u biex jiġu infurmati deċiżjonijiet ta' politika jew azzjonijiet superviżorji futuri, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jipprovdu lill-ESMA b'notifiki ta' delega meta kumpanija tal-maniġment tal-UCITS tiddelega aktar funzjonijiet ta' ġestjoni tal-portafoll jew ta' ġestjoni tar-riskju lil entitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi, milli timmaniġġa hi stess.	***imħassar***

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti tal-proċess ta' notifika fil-qasam tad-delega, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45] biex jiġu speċifikati l-kontenut, il-formoli u l-proċeduri biex jiġi standardizzat il-proċess ta' notifika tal-arranġamenti ta' delega tal-UCITS. Il-formola ta' notifika jenħtieġ li jkun fiha	***imħassar***

kampijiet tad-data li jindikaw l-attivitajiet li jiffurmaw il-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju u tal-portafoll sabiex jiġi ddeterminat jekk kumpanija tal-maniġment tal-UCITS tkunx iddelegat aktar minn tali funzjonijiet milli tkun żammet. Dawk l-istandards tekniċi regolatorji jenħtieġ li jiġu adottati abbażi ta' abbozz żviluppat mill-ESMA.

---

[45] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Sabiex il-kumpaniji tal-maniġment tal-UCITS ibbażati fi kwalunkwe Stat Membru jkunu jistgħu jittrattaw il-pressjonijiet tat-tifdija taħt kundizzjonijiet ta' stress fis-suq, jenħtieġ li jkunu meħtieġa jagħżlu mill-inqas LMT wieħed mil-lista armonizzata stabbilita fl-Anness, apparti l-possibbiltà li jiġu sospiżi t-tifdijiet. Meta kumpanija tal-maniġment tieħu deċiżjoni biex ***jattiva*** jew ***jiddiżattiva l-LMT***, jenħtieġ li ***jinnotifika*** lill-awtoritajiet superviżorji. Dan jippermetti lill-awtoritajiet superviżorji jittrattaw aħjar it-tixrid potenzjali tat-tensjonijiet tal-likwidità fis-suq usa'.	(42) Sabiex il-kumpaniji tal-maniġment tal-UCITS ibbażati fi kwalunkwe Stat Membru jkunu jistgħu jittrattaw il-pressjonijiet tat-tifdija taħt kundizzjonijiet ta' stress fis-suq, jenħtieġ li jkunu meħtieġa jagħżlu mill-inqas LMT wieħed mil-lista armonizzata stabbilita fl-Anness, apparti l-possibbiltà li jiġu sospiżi t-tifdijiet. Meta kumpanija tal-maniġment tieħu deċiżjoni biex ***tattiva*** jew ***tiddiżattiva ċerti LMTs f'sitwazzjonijiet ta' stress fil-likwidità***, jenħtieġ li ***tinnotifika*** lill-awtoritajiet superviżorji. Dan jippermetti lill-awtoritajiet superviżorji jittrattaw aħjar it-tixrid potenzjali tat-tensjonijiet tal-likwidità fis-suq usa'.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri ***u jiġu indirizzati r-riskji*** tal-istabbiltà finanzjarja, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu li kumpanija tal-maniġment tal-UCITS tattiva jew tiddiżattiva l-LMT xierqa.	(44) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri ***jekk ikun hemm riskji*** tal-istabbiltà finanzjarja***, f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni u wara konsultazzjoni mal-kumpanija tal-maniġment ikkonċernata***, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu li kumpanija tal-maniġment tal-UCITS tattiva jew tiddiżattiva l-LMT xierqa.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità mill-maniġers tal-UCITS, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48], sabiex jiġi speċifikat il-proċess għall-għażla u l-użu tal-LMTs biex tiġi ffaċilitata l-konverġenza tas-suq u dik superviżorja. Dawk l-istandards tekniċi regolatorji jenħtieġ li jiġu adottati abbażi ta' abbozz żviluppat mill-ESMA.	(45) Sabiex tiġi żgurata armonizzazzjoni konsistenti fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità mill-maniġers tal-UCITS, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48], sabiex jiġi speċifikat il-proċess għall-għażla u l-użu tal-LMTs biex tiġi ffaċilitata l-konverġenza tas-suq u dik superviżorja. Dawk l-istandards tekniċi regolatorji jenħtieġ li jiġu adottati abbażi ta' abbozz żviluppat mill-ESMA. ***Dawk l-istandards jenħtieġ li jirrikonoxxu li r-responsabbiltà primarja għall-immaniġġjar tar-riskju tal-***

	likwidità tibqa' f'idejn il-maniġer tal-UCITS.
[48] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).	[48] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Sabiex jiġi appoġġat il-monitoraġġ tas-suq mill-awtoritajiet superviżorji, jenħtieġ li l-ġbir u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz ta' rapportar superviżorju jittejbu billi l-UCITS tiġi soġġetta għall-obbligi ta' rapportar superviżorju. Jenħtieġ li l-ASE u l-BĊE jintalbu, bl-appoġġ tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fejn ikun meħtieġ, jivvalutaw il-ħtiġijiet tad-data tal-awtoritajiet superviżorji differenti li jikkunsidraw ir-rekwiżiti ta' rapportar eżistenti skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u dik nazzjonali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 600/2014, ir-Regolament (UE) Nru 2019/834, ir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 u r-Regolament (UE) Nru 1073/2013. L-eżitu ta' din il-ħidma preparatorja jippermetti deċiżjoni ta' politika infurmata dwar sa liema punt u f'liema forma l-UCITS jenħtieġ li jkunu qed jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar in-negozji tagħhom.	(46) Sabiex jiġi appoġġat il-monitoraġġ tas-suq mill-awtoritajiet superviżorji, jenħtieġ li l-ġbir u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz ta' rapportar superviżorju jittejbu billi l-UCITS tiġi soġġetta għall-obbligi ta' rapportar superviżorju***, b'mod partikolari fir-rigward tad-delegazzjoni ta' funzjonijiet***. Jenħtieġ li l-ASE u l-BĊE jintalbu, bl-appoġġ tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fejn ikun meħtieġ, jivvalutaw il-ħtiġijiet tad-data tal-awtoritajiet superviżorji differenti li jikkunsidraw ir-rekwiżiti ta' rapportar eżistenti skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u dik nazzjonali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 600/2014, ir-Regolament (UE) Nru 2019/834, ir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 u r-Regolament (UE) Nru 1073/2013. L-eżitu ta' din il-ħidma preparatorja jippermetti deċiżjoni ta' politika infurmata dwar sa liema punt u f'liema forma l-UCITS jenħtieġ li jkunu qed jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar in-negozji tagħhom.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Biex tappoġġa l-konverġenza superviżorja fil-qasam tad-delega, l-ESMA jenħtieġ li twettaq ***rieżamijiet*** bejn il-pari dwar il-prattiki superviżorji b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni tal-ħolqien ta' entitajiet kaxxa tal-ittri. L-analiżi tal-ESMA ***tar-rieżamijiet*** bejn il-pari tikkontribwixxi għar-rieżami tal-miżuri adottati f'din id-Direttiva u tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura addizzjonali li tista' tkun meħtieġa biex tappoġġa l-effettività tar-reġim ta' delega stabbilit fid-Direttiva 2009/65/KE.	(50) Biex tappoġġa l-konverġenza superviżorja fil-qasam tad-delega, l-ESMA jenħtieġ li twettaq ***rieżami*** bejn il-pari dwar il-prattiki superviżorji b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni tal-ħolqien ta' entitajiet kaxxa tal-ittri. L-analiżi tal-ESMA ***tar-rieżami*** bejn il-pari tikkontribwixxi għar-rieżami tal-miżuri adottati f'din id-Direttiva u tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura addizzjonali li tista' tkun meħtieġa biex tappoġġa l-effettività tar-reġim ta' delega stabbilit fid-Direttiva 2009/65/KE.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Premessa 52a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(52a) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skont id-Direttivi 2009/65/KE u 2011/61/UE, l-ESMA jenħtieġ li ssegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ag

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 4(1), il-punt (ag) jinbidel b'dan li ġej:
	"(ag) "investitur professjonali" tfisser kwalunkwe investitur:
	- li huma meqjus bħala klijent professjonali jew jista', fuq talba, jiġi ttratat bħala klijent professjonali skont it-tifsira tal-Anness II ***tad-Direttiva 2014/65/KE; jew***
	- li impenja ruħu li jinvesti minimu ta' EUR 100 000 u ddikjara bil-miktub, f'dokument separat mill-kuntratt li għandu jiġi konklużż għall-impenn ta' investiment, li huwa konxju tar-riskji assoċjati mal-impenn jew l-investiment previst; jew
	- li huwa membru tal-persunal esperjenzat, maniġer tal-portafolji, direttur, uffiċjal, aġent jew impjegat tal-maniġer jew ta' affiljat tal-maniġer u għandu biżżejjed għarfien dwar l-AIF ikkonċernat."

Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 4 – punti apa (ġdid) u apb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) fl-Artikolu 4(1), ***jiżdied il-punt (ap)*** li ***ġej***:	(1) fl-Artikolu 4(1), ***jiżdiedu l-punti*** li ***ġejjin***:

Or. en

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 4 – punt apa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(apa) "oriġinazzjoni tas-self" tfisser l-għoti ta' self minn AIF bħala l-mutwant oriġinali;

Or. en

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2011/11/UE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt apb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(apb) "self minn azzjonist" tfisser self mogħti minn AIF lil impriża li fiha jkollu, direttament jew indirettament, mill-inqas 5 % tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot, fejn is-self ma jkunx jista' jinbiegħ lil partijiet terzi indipendentement mill-istrumenti kapitali miżmuma mill-AIF fl-istess impriża.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – parti introduttorja
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt c, d u da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-paragrafu 4, jiżdiedu l-punti (c)	(a) fil-paragrafu 4, jiżdiedu l-punti (c)**,**

u (***d***) li ġejjin:	***(d)*** u (***da***) li ġejjin:

Or. en

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) kwalunkwe servizz anċillari ieħor li mhuwiex servizz elenkat fit-Taqsima A tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE, li jirrappreżenta kontinwazzjoni tas-servizzi diġà mwettqa mill-AIFM jew użu ta' kompetenzi interni u li ma joħloqx kunflitti ta' interess li ma setgħux jiġu mmaniġġjati minn regoli addizzjonali;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a – subpunt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) deskrizzjoni ***dettaljata*** tar-rwol, it-titolu u l-livell ta' superjorità tagħhom;	(i) deskrizzjoni tar-rwol, it-titolu u l-livell ta' superjorità tagħhom;

Or. en

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) informazzjoni dwar l-arranġamenti magħmula għad-delega u s-subdelega lil partijiet terzi ta' funzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 20 ***u deskrizzjoni dettaljata*** tar-riżorsi umani u tekniċi li għandhom jintużaw mill-AIFM għall-monitoraġġ u l-kontroll tad-delegat.***";***	(e) informazzjoni dwar l-arranġamenti magħmula għad-delega u s-subdelega lil partijiet terzi ta' funzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 20 ***inkluż:***
	(i) l-isem ġuridiku u l-identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) tal-AIFM;
	(ii) l-isem ġuridiku u l-LEI tal-AIF u l-istrateġija ta' investiment tiegħu;
	(iii) l-isem ġuridiku u l-LEI ta' kull delegat, il-ġuriżdizzjoni tal-istabbiliment tiegħu u, fejn rilevanti, l-awtorità superviżorja tiegħu;
	(iv) deskrizzjoni qasira tal-funzjonijiet iddelegati tal-ġestjoni tar-riskju, inkluż jekk kull delega bħal din twassalx għal delega parzjali jew sħiħa;
	(v) deskrizzjoni qasira tal-funzjonijiet iddelegati tal-ġestjoni tal-portafolji, skont l-istrateġija tal-investiment u l-ġeografiji rilevanti, inkluż jekk kull delega bħal din tkunx delega parzjali jew sħiħa;
	(vi) deskrizzjoni qasira ta' funzjonijiet oħra elenkati fl-Anness I li l-AIFM twettaq ukoll;
	(vii) deskrizzjoni tar-riżorsi umani u tekniċi li għandhom jintużaw mill-AIFM għall-monitoraġġ u l-kontroll tad-delegat.
	Or. en

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-ESMA, fuq bażi trimestrali, bl-awtorizzazzjonijiet mogħtija jew irtirati f'konformità ma' dan il-Kapitolu.	
L-ESMA għandha żżomm reġistru pubbliku ċentrali li jidentifika kull AIFM awtorizzat skont din id-Direttiva, lista tal-AIFs immaniġġati u/jew ikkummerċjalizzati fl-Unjoni mit-tali AIFMs u l-awtorità kompetenti għal kull tali AIFM. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli f'format elettroniku.	
Meta AIFM jiddelega aktar funzjonijiet ta' ġestjoni tal-portafoll jew ta' ġestjoni tar-riskju lil entitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi milli jżomm, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq bażi annwali, jinnotifikaw lill-ESMA dwar dawn id-delegazzjonijiet kollha ("notifiki ta' delega").	
In-notifiki ta' delega għandhom jinkludu dan li ġej:	
(a) informazzjoni dwar l-AIFM u l-AIF ikkonċernati;	
(b) informazzjoni dwar id-delegat, li tispeċifika d-domiċilju tad-delegat u jekk huwiex entità regolata jew le;	
(c) deskrizzjoni tal-funzjonijiet iddelegati tal-ġestjoni tal-portafoll u tal-ġestjoni tar-riskju;	
(d) deskrizzjoni tal-funzjonijiet miżmuma tal-ġestjoni tal-portafoll u tal-ġestjoni tar-riskju;	
(e) kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex jiġu analizzati l-arranġamenti ta' delega;	
(f) deskrizzjoni tal-attivitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti, inklużi rieżamijiet ibbażati fuq id-	

dokumentazzjoni u spezzjonijiet fuq il-post u r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet;

(g) kwalunkwe dettall dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtorità kompetenti tal-AIFM u l-awtorità superviżorja tad-delegat.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c – parti introduttorja
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 7 – paragrafi 8 u 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jiżdiedu l-paragrafi 8 u*** 9 li ***ġejjin***:	(c) ***jiżdied il-paragrafu*** 9 li ***ġej***:

Or. en

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 7 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina l-kontenut tan-notifiki ta' delega u l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għat-trażmissjoni tan-notifiki ta' delega f'lingwa abitwali għall-isfera tal-finanzi. Il-formoli u l-mudelli standard għandhom jinkludu kampijiet ta' informazzjoni li jkopru l-informazzjoni kollha msemmija fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 5.* ***Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi	***imħassar***

regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 7 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. ***L-ESMA*** għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni ***b'rapporti regolari, tal-anqas kull sentejn,*** li ***janalizzaw il-prattiki*** tas-suq fir-rigward tad-delega lil entitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi u l-konformità mal-Artikoli 7 u 20.***"***;	9. ***Sa... [12-il xahar qabel id-data tar-rieżami msemmi fl-Artikolu 69b] l-ESMA*** għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni ***rapport*** li ***janalizza l-prattiki*** tas-suq fir-rigward tad-delega lil entitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi u l-konformità mal-Artikoli 7 u 20.;

Or. en

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għal attivitajiet ta' ***għoti ta' self***, jimplimentaw politiki, proċeduri u proċessi effettivi għall-għoti ta' kreditu, għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu u għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-portafoll tal-kreditu tagħhom, iżommu dawk il-politiki, il-proċeduri u l-proċessi aġġornati u effettivi u jirrieżaminawhom regolarment u mill-inqas darba fis-sena.";	(d) għal attivitajiet ta' ***oriġinazzjoni tas-self, għajr fir-rigward tas-self minn azzjonisti fejn self bħal dan ma jaqbiżx b'mod aggregat 150 % tal-valur nett tal-assi tal-AIF***, jimplimentaw politiki, proċeduri u proċessi effettivi għall-għoti ta' kreditu, għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu u għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-portafoll tal-kreditu tagħhom, iżommu dawk il-politiki, il-

proċeduri u l-proċessi aġġornati u effettivi u jirrieżaminawhom regolarment u mill-inqas darba fis-sena.;

Or. en

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4a. AIFM għandu jiżgura li self li joriġina lil kwalunkwe mutwatarju uniku mill-AIF li jimmaniġġa ma jaqbiżx l-20 % tal-kapital tal-AIF meta l-mutwatarju jkun wieħed minn dawn li ġejjin:	4a. AIFM għandu jiżgura li self li joriġina lil kwalunkwe mutwatarju uniku mill-AIF li jimmaniġġa ma jaqbiżx l-20 % tal-kapital ***jew tal-impenji jew is-sottoskrizzjonijiet totali*** tal-AIF meta l-mutwatarju jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4d – punt –aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) entità fi ħdan l-istess grupp bħall-AIFM;

Or. en

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4d – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-depożitarju tiegħu;	(b) id-depożitarju tiegħu ***u delegati tad-depożitarju tiegħu***;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4e. AIFM għandu jiżgura li l-AIF li jimmaniġġa jżomm, fuq bażi kontinwa, 5 % tal-valur nozzjonali tas-self li jkun oriġina u sussegwentement biegħ fis-suq sekondarju.	***imħassar***
Ir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu ma japplikax għas-self li l-AIF ikun xtara fis-suq sekondarju.";	

Or. en

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4ea. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lill-AIFMs milli jimmaniġġjaw AIFs li l-istrateġija ta' investiment tagħhom hija li joriġinaw self bl-għan uniku li jittrasferixxu dak is-self lil partijiet terzi (mudell "oriġina u

ddistribwixxi").

Or. en

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2a – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
AIFM għandu jiżgura li l-AIF li jimmaniġġa jkun magħluq ***jekk il-valur nozzjonali tas-self oriġinarju tiegħu jaqbeż is-60 % tal-valur nett tal-assi*** tiegħu.	AIFM għandu jiżgura li l-AIF li jimmaniġġa jkun magħluq ***meta l-AIFM ma jkunx jista' juri lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju*** tiegħu ***li l-AIF għandu likwidità robusta***.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Wara li jivvaluta l-adegwatezza fir-rigward tal-istrateġija ta' investiment segwita, il-profil tal-likwidità u l-politika ta' tifdija, AIFM li jimmaniġġa AIF miftuħ għandu jagħżel tal-anqas għodda xierqa waħda għall-ġestjoni tal-likwidità mil-lista stabbilita fl-Anness V, il-punti 2 ***sa 4***, għal użu possibbli fl-interess tal-investituri tal-AIF. L-AIFM għandu jimplimenta politiki u proċeduri dettaljati għall-attivazzjoni u d-diżattivazzjoni ta' kwalunkwe għodda magħżula għall-ġestjoni tal-likwidità u l-arranġamenti operazzjonali u amministrattivi għall-użu ta' din l-għodda.	2b. Wara li jivvaluta l-adegwatezza fir-rigward tal-istrateġija ta' investiment segwita, il-profil tal-likwidità u l-politika ta' tifdija, AIFM li jimmaniġġa AIF miftuħ għandu jagħżel tal-anqas għodda xierqa waħda għall-ġestjoni tal-likwidità mil-lista stabbilita fl-Anness V, il-punti 2***, 3, 4, 5, 6 u 8***, għal użu possibbli fl-interess tal-investituri tal-AIF. L-AIFM għandu jimplimenta politiki u proċeduri dettaljati għall-attivazzjoni u d-diżattivazzjoni ta' kwalunkwe għodda magħżula għall-ġestjoni tal-likwidità u l-arranġamenti operazzjonali u amministrattivi għall-użu ta' din l-għodda.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2c – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
AIFM li jimmaniġġa AIF miftuħ jista', fl-interess tal-investituri tal-AIF, jissospendi temporanjament ir-riakkwist jew it-tifdija tal-unitajiet tal-AIF jew jattiva għodod oħra għall-ġestjoni tal-likwidità magħżula mil-lista stabbilita fl-Anness V, il-punti 2 ***sa*** 4, u inklużi fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-AIFM.	AIFM li jimmaniġġa AIF miftuħ jista', fl-interess tal-investituri tal-AIF, jissospendi temporanjament ir-riakkwist jew it-tifdija ***tal-ishma jew*** tal-unitajiet tal-AIF jew jattiva għodod oħra għall-ġestjoni tal-likwidità magħżula mil-lista stabbilita fl-Anness V, il-punti 2***, 3,*** 4, ***5, 6*** u ***8, meta dawn l-għodod jiġu*** inklużi fir-regoli tal-fond jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-AIFM.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2d – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
AIFM għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tiegħu ***meta jattiva jew jiddiżattiva għodda għall-ġestjoni tal-likwidità msemmija f'2b***.	***Meta, f'sitwazzjonijiet ta' stress fil-likwidità,*** AIFM ***jattiva jew jiddiżattiva waħda mill-għodod tal-immaniġġjar tal-likwidità elenkati fil-punti 1 sa 4 tal-lista stabbilita fl-Anness V, huwa*** għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tiegħu.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2d – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-AIFM għandhom jinnotifikaw, mingħajr dewmien, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti tal-AIFM***, *tal-ESMA*** u ***tal-BERS*** bi kwalunkwe notifika riċevuta f'konformità ma' dan il-paragrafu.	L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-AIFM għandhom jinnotifikaw, mingħajr dewmien, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti tal-AIFM u ***tal-ESMA*** bi kwalunkwe notifika riċevuta f'konformità ma' dan il-paragrafu. ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-AIFM għandhom jinnotifikaw lill-ESRB jekk ikun hemm kwalunkwe riskju potenzjali għall-istabbiltà jew l-integrità tas-sistema finanzjarja.***

Or. en

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2f. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-karatteristiċi tal-għodod għall-ġestjoni tal-likwidità stabbiliti fl-Anness V.	***imħassar***

Or. en

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2fa. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji li għandhom jintużaw biex l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw jekk AIF ikunx wera likwidità robusta għall-finijiet tal-paragrafu 2a.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2g. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji għall-għażla u l-użu ta' għodod xierqa għall-ġestjoni tal-likwidità mill-AIFMs għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, inkluż divulgazzjonijiet xierqa lill-investituri, filwaqt li titqies il-kapaċità ta' dawn l-għodod biex jitnaqqsu l-vantaġġi mhux dovuti għall-investituri li jifdu l-investimenti tagħhom l-ewwel, u biex jittaffew ir-riskji tal-istabbiltà finanzjarja.	2g. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji għall-għażla u l-użu ta' għodod xierqa għall-ġestjoni tal-likwidità mill-AIFMs għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, inkluż divulgazzjonijiet xierqa lill-investituri, filwaqt li titqies il-kapaċità ta' dawn l-għodod biex jitnaqqsu l-vantaġġi mhux dovuti għall-investituri li jifdu l-investimenti tagħhom l-ewwel, u biex jittaffew ir-riskji tal-istabbiltà finanzjarja. ***Dawk l-istandards għandhom jirrikonoxxu li r-responsabbiltà primarja għall-immaniġġjar tar-riskju tal-likwidità tibqa' f'idejn l-AIFM. Dawn għandhom jippermettu żmien adegwat għall-adattament qabel ma jkunu japplikaw, b'mod partikolari għall-AIFs eżistenti.***

Or. en

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2h. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafi ***2f*** u 2g ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";	2h. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafi ***2fa*** u 2g ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

Or. en

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt ca (ġdid)
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 20 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:
	'(6a) B'deroga mill-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu, meta l-funzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, kif imsemmi fl-Anness I(2)(b), titwettaq minn distributur wieħed jew aktar li ma jkunux qed jaġixxu f'isem il-AIFM, skont ftehim bejn il-AIFM u dak id-distributur jew dawk id-distributuri, tali funzjoni ma għandhiex titqies bħala delega soġġetta għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 6 ta' dan l-Artikolu."

Or. en

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b – punt i
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 21 – paragrafu 11 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) id-depożitarju jkun eżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuti fl-għażla u l-ħatra ta' kwalunkwe parti terza li lilha jrid jiddelega partijiet mill-kompiti tiegħu, ħlief meta dik il-parti terza tkun depożitorju ċentrali tat-titoli li jaġixxi fil-kapaċità ta' CSD emittent kif definit ***fl-Artikolu 1, il-punt*** (***e***)***, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni*** (***UE***) ***2017/392****, u jibqa' jeżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuta fir-rieżami perjodiku u l-monitoraġġ kontinwu ta' kwalunkwe parti terza li lilha jkun iddelega partijiet mill-kompiti tiegħu u tal-arranġamenti tal-parti terza fir-rigward tal-materji ddelegati lilha;	(c) id-depożitarju jkun eżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuti fl-għażla u l-ħatra ta' kwalunkwe parti terza li lilha jrid jiddelega partijiet mill-kompiti tiegħu, ħlief meta dik il-parti terza tkun depożitorju ċentrali tat-titoli li jaġixxi fil-kapaċità ta' CSD emittent kif definit ***fl-att delegat adottat abbażi tal-Artikoli 29***(***3***) ***u 48***(***10***) ***tar-Regolament Nru 909/2014***, u jibqa' jeżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuta fir-rieżami perjodiku u l-monitoraġġ kontinwu ta' kwalunkwe parti terza li lilha jkun iddelega partijiet mill-kompiti tiegħu u tal-arranġamenti tal-parti terza fir-rigward tal-materji ddelegati lilha;

Or. en

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b – punt ii
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 21 – paragrafu 11 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-għoti ta' servizzi minn depożitorju ċentrali tat-titoli li jaġixxi fil-kapaċità ta' CSD emittent, kif definit ***fl-Artikolu 1, il-punt*** (***e***) ***tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni*** (UE) ***2017/392,*** ma għandux jitqies bħala delega tal-funzjonijiet ta' kustodja tad-depożitarju. ;	Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-għoti ta' servizzi minn depożitorju ċentrali tat-titoli li jaġixxi fil-kapaċità ta' CSD emittent, kif definit ***fl-att delegat adottat abbażi tal-Artikoli 29***(***3***) ***u 48(10) tar-Regolament*** (UE) ***Nru 909/2014*** ma għandux jitqies bħala delega tal-funzjonijiet ta' kustodja tad-depożitarju. ***L-għoti ta' servizzi minn depożitorju ċentrali tat-titoli li jaġixxi fil-***

kapaċità ta' CSD investitur, kif definit fl-att delegat, għandu jitqies bħala delega tal-funzjonijiet ta' kustodja tad-depożitarju.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt c
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 21 – paragrafu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. Id-depożitarju għandu jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tiegħu, għall-awtoritajiet kompetenti tal-AIF li jkun ħatru bħala depożitarju u lill-awtoritajiet kompetenti tal-AIFM li jimmaniġġa dak l-AIF, ***fuq talba,*** l-informazzjoni kollha li jkun kiseb waqt it-twettiq tad-dmirijiet tiegħu u li tista' tkun meħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti tal-AIF jew tal-AIFM. Jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-AIF jew l-AIFM ikunu differenti minn dawk tad-depożitarju, l-awtoritajiet kompetenti tad-depożitarju għandhom jaqsmu l-informazzjoni li jirċievu bla dewmien mal-awtoritajiet kompetenti tal-AIF jew l-AIFM.	16. Id-depożitarju għandu jagħmel disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tiegħu, għall-awtoritajiet kompetenti tal-AIF li jkun ħatru bħala depożitarju u lill-awtoritajiet kompetenti tal-AIFM li jimmaniġġa dak l-AIF, l-informazzjoni kollha li jkun kiseb waqt it-twettiq tad-dmirijiet tiegħu u li tista' tkun meħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti tal-AIF jew tal-AIFM. Jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-AIF jew l-AIFM ikunu differenti minn dawk tad-depożitarju, l-awtoritajiet kompetenti tad-depożitarju għandhom jaqsmu l-informazzjoni li jirċievu bla dewmien mal-awtoritajiet kompetenti tal-AIF jew l-AIFM***, u l-awtoritajiet kompetenti tal-AIF jew tal-AIFM għandhom jikkondividu mingħajr dewmien mal-awtoritajiet kompetenti tad-depożitarju kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji ta' dawk l-awtoritajiet***;

Or. en

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt a – punt ii

Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt ia

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jiddaħħal il-punt (ia):	***imħassar***
(ia) lista ta' tariffi u imposti li jiġu applikati b'rabta mal-operat tal-AIF u li jitħallsu mill-AIFM jew mill-affiljati tiegħu.;	

Or. en

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***portafoll*** ta' self oriġinat;	(d) ***kompożizzjoni tal-portafoll*** ta' self oriġinat;

Or. en

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fuq bażi ***trimestrali***, it-tariffi u l-imposti diretti u indiretti kollha li jkunu ġew imposti ***jew allokati*** direttament jew indirettament lill-AIF ***jew lil kwalunkwe wieħed mill-investimenti tiegħu***;	(e) fuq bażi ***annwali***, it-tariffi u l-imposti diretti u indiretti kollha li jkunu ġew imposti direttament jew indirettament lill-AIF;

Or. en

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 23 – paragrafu 4 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) fuq bażi ***trimestrali***, kwalunkwe kumpanija omm, sussidjarja jew entità bi skop speċjali stabbilita b'rabta mal-investimenti tal-AIF mill-AIFM***, il-persunal tal-AIFM jew tal-affiljati diretti jew indiretti tal-AIFM***.***";***	(f) fuq bażi ***annwali***, kwalunkwe kumpanija omm, sussidjarja jew entità bi skop speċjali stabbilita b'rabta mal-investimenti tal-AIF mill-AIFM.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a
Id-Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-AIFM għandu jirrapporta regolarment lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ***domiċiljari*** tiegħu dwar is-swieq u l-istrumenti li fihom jinnegozja f'isem l-AIF li jimmaniġġa.	L-AIFM għandu jirrapporta regolarment lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ***ta' domiċilju*** tiegħu dwar is-swieq u l-istrumenti li fihom jinnegozja f'isem l-AIF li jimmaniġġa***, u dwar informazzjoni ekonomika u kontabilistika rilevanti oħra stabbilita fil-paragrafu 2***.

Or. en

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punti ea u eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 2, jiżdiedu l-punti li ġejjin:
	"(ea) l-ammont totali ta' ingranaġġ tal-valur nett tal-assi użat mill-AIF;
	(eb) informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' delega li jikkonċernaw il-ġestjoni tal-portafoll jew il-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju u b'mod partikolari:
	(i) informazzjoni dwar l-entitajiet li lilhom ikunu ġew iddelegati tali funzjonijiet (isem u LEI ta' kull delegat, il-ġuriżdizzjoni tal-istabbiliment tiegħu u, fejn rilevanti, l-awtorità superviżorja tiegħu);
	(ii) informazzjoni dwar il-funzjoni delegata, it-tip ta' delega (sħiħa jew parzjali), u d-data tal-ftehim ta' delega jew tal-kuntratt;
	(iii) meta jkun hemm fis-seħħ arranġamenti ta' sottodelega, l-istess informazzjoni fir-rigward tas-sottodelegati u l-funzjonijiet sottodelegati;
	(iv) id-data tal-konklużjoni u l-iskadenza tal-arranġamenti tad-delega u s-sottodelega;
	(v) deskrizzjoni tal-miżuri perjodiċi ta' diliġenza dovuta mwettqa mill-AIFM biex jissorvelja, jimmonitorja u jikkontrolla d-delega, inkluża d-data tat-twettiq ta' dawk il-miżuri, il-kwistjonijiet identifikati u, fejn rilevanti, il-miżuri u l-iskeda ta' żmien adottati biex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet.
	Or. en

Emenda 63

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt c

Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 24 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji li għandhom jiġu rrapportati skont il-paragrafi 1 u 2. L-ESMA għandha tqis rekwiżiti oħra ta' rapportar li għalihom huma soġġetti l-AIFMs u r-rapport maħruġ f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 69b.	L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji li għandhom jiġu rrapportati skont il-paragrafi 1 u 2. ***Sabiex jitnaqqsu d-duplikazzjoni u l-inkonsistenzi bejn l-oqfsa ta' rapportar,*** l-ESMA għandha tqis rekwiżiti oħra ta' rapportar li għalihom huma soġġetti l-AIFMs u r-rapport maħruġ f'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 69b.

Or. en

Emenda 64

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt d
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 24 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 - punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istandards tal-format u tad-data għar-rapporti msemmija fil-paragrafi 1 u 2;	(a) l-istandards tal-format u tad-data għar-rapporti msemmija fil-paragrafi 1 u 2***, li għandhom jinkludu b'mod partikolari LEIs globali u numri internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISINs)***;

Or. en

Emenda 65

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt d
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 24 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) metodi u arranġamenti biex jiġu

ppreżentati r-rapporti msemmija fil-paragrafi 1 u 2, inklużi metodi u arranġamenti biex jittejbu l-istandardizzazzjoni tad-data u l-kondiviżjoni u l-użu effiċjenti tad-data diġà rrapportata fi ħdan kwalunkwe qafas ta' rapportar tal-Unjoni minn kwalunkwe awtorità kompetenti rilevanti, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll dak nazzjonali.

Or. en

Emenda 66

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt d
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 24 – paragrafu 7 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta tiżviluppa dak l-abbozz ta' standards tekniċi, l-ESMA għandha tqis l-iżviluppi u l-istandards internazzjonali miftiehma fil-livell tal-Unjoni jew globali u s-sejbiet tar-rapport maħruġ f'konformità mal-Artikolu 69b(2).

Or. en

Emenda 67

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 38a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-ESMA għandha, fuq bażi regolari*** u ***mill-inqas kull sentejn***, twettaq analiżi tar-rieżami bejn il-pari tal-attivitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20. Dik l-analiżi tar-rieżami	1. ***Sa ... [12-il xahar qabel id-data tar-rieżami msemmi fl-Artikolu 69b],*** u ***nkella kif meħtieġ***, ***l-ESMA għandha*** twettaq analiżi tar-rieżami bejn il-pari tal-attivitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-applikazzjoni

bejn il-pari għandha tiffoka fuq il-miżuri meħuda biex jiġi evitat li l-AIFMs, li jiddelegaw il-prestazzjoni tal-ġestjoni tal-portafoll jew il-ġestjoni tar-riskju lil partijiet terzi li jinsabu f'pajjiżi terzi, isiru entitajiet kaxxa tal-ittri.	tal-Artikolu 20. Dik l-analiżi tar-rieżami bejn il-pari għandha tiffoka fuq il-miżuri meħuda biex jiġi evitat li l-AIFMs, li jiddelegaw il-prestazzjoni tal-ġestjoni tal-portafoll jew il-ġestjoni tar-riskju lil partijiet terzi li jinsabu f'pajjiżi terzi, isiru entitajiet kaxxa tal-ittri.

Or. en

Emenda 68

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(j) fl-interess tal-investituri ***jew tal-pubbliku***, jeħtieġu li l-AIFMs jattivaw jew jiddiżattivaw għodda għall-ġestjoni tal-likwidità msemmija fil-punt 1 jew 2 tal-Anness V jew magħżula mill-AIFM f'konformità mal-Artikolu 16(2b), skont liema tkun l-aktar xierqa meta jitqies it-tip ta' AIF miftuħ jew grupp ta' AIFs miftuħa kkonċernati u ***r-riskji għall-protezzjoni tal-investituri jew*** għall-istabbiltà finanzjarja li jeħtieġu dan ir-rekwiżit.";	"(j) fl-interess tal-investituri***, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u wara li jiġi kkonsultat l-AIFM***, jeħtieġu li l-AIFMs jattivaw jew jiddiżattivaw għodda għall-ġestjoni tal-likwidità msemmija fil-punt 1 jew 2 tal-Anness V jew magħżula mill-AIFM f'konformità mal-Artikolu 16(2b), skont liema tkun l-aktar xierqa meta jitqies it-tip ta' AIF miftuħ jew grupp ta' AIFs miftuħa kkonċernati u ***jekk ikun hemm riskju*** għall-istabbiltà finanzjarja li jeħtieġu dan ir-rekwiżit.";

Or. en

Emenda 69

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 47 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 4, jiżdied il-punt (d) li ġej:	***imħassar***

"(d) ir-rekwiżit li l-AIFMs mhux tal-UE li jikkummerċjalizzaw fl-AIFs tal-Unjoni li jimmaniġġjaw, jew l-AIFMs tal-UE li jimmaniġġjaw l-AIFs mhux tal-UE, jattivaw jew jiddiżattivaw għodda għall-ġestjoni tal-likwidità msemmija fil-punt 1 jew 2 tal-Anness V jew magħżula mill-AIFM, skont liema tkun l-aktar xierqa meta jitqies it-tip ta' AIF miftuħ ikkonċernat u r-riskji għall-protezzjoni tal-investituri jew għall-istabbiltà finanzjarja li jeħtieġu dan ir-rekwiżit.";

Or. en

Emenda 70

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkollhom raġunijiet razzjonali sabiex jissuspettaw li jkunu qegħdin jitwettqu jew twettqu atti kontra d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, minn AIFM li mhux suġġetti għas-superviżjoni ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, huma għandhom jinnotifikaw lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ***ta' domiċilju*** u tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM ***kkonċernat*** b'mod kemm jista' jkun speċifiku. L-awtoritajiet riċeventi għandhom jieħdu azzjoni xierqa, għandhom jinfurmaw lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti notifikanti bl-eżitu ta' dik l-azzjoni***,*** u ***sa fejn ikun possibbli***, bl-iżviluppi interim sinifikanti. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-awtorità kompetenti li tinnotifika.";	5. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkollhom raġunijiet razzjonali sabiex jissuspettaw li jkunu qegħdin jitwettqu jew twettqu atti kontra d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, minn AIFM li mhux suġġetti għas-superviżjoni ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, ***jew minn entità maħtura bħala depożitarju minn AIFM,*** huma għandhom jinnotifikaw lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ***domiċiljari*** u tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM ***jew lill-entità kkonċernati*** b'mod kemm jista' jkun speċifiku. L-awtoritajiet riċeventi għandhom jieħdu azzjoni xierqa, għandhom jinfurmaw lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti notifikanti bl-eżitu ta' dik l-azzjoni, u sa fejn ikun possibbli, bl-iżviluppi interim sinifikanti. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-awtorità kompetenti li tinnotifika.";

Or. en

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt b
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 50 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari ta' AIFM għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM***, lill-ESMA*** u ***lill-BERS*** qabel ma jeżerċitaw is-setgħat skont l-Artikolu 46(2), il-punt (j), jew l-Artikolu 47(4), il-punt (d).	5a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari ta' AIFM għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM u ***lill-ESMA*** qabel ma jeżerċitaw is-setgħat skont l-Artikolu 46(2), il-punt (j), jew l-Artikolu 47(4), il-punt (d). ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-AIFM għandhom jinnotifikaw lill-BERS jekk ikun hemm kwalunkwe riskju potenzjali għall-istabbiltà jew l-integrità tas-sistema finanzjarja.***

Or. en

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt b
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 50 – paragrafu 5b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5b. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ta' AIFM tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-AIFM biex teżerċita s-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 46(2), il-punt (j) jew fl-Artikolu 47(4), il-punt (d), filwaqt li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba u tinnotifika lill-ESMA u lill-BERS dwarha.	5b. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ta' AIFM tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-AIFM biex teżerċita s-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 46(2), il-punt (j) jew fl-Artikolu 47(4), il-punt (d), filwaqt li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba u tinnotifika lill-ESMA***,*** u ***fil-każ ta' kwalunkwe riskju potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema***

finanzjarja, lill-BERS dwarha.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt b
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 50 – paragrafu 5c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5c. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-AIFM ma taqbilx mat-talba msemmija fil-paragrafu 5b, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM, ***lill-ESMA*** u lill-BERS dwar dan, filwaqt li tiddikjara r-raġunijiet tagħha.	5c. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-AIFM ma taqbilx mat-talba msemmija fil-paragrafu 5b, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-AIFM ***u lill-ESMA***, ***u fil-każ ta' kwalunkwe riskju potenzjali għall-istabbiltà*** u ***l-integrità tas-sistema finanzjarja,*** lill-BERS dwar dan, filwaqt li tiddikjara r-raġunijiet tagħha.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 50 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jindikaw f'liema sitwazzjonijiet l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżerċitaw is-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 46(2), fil-punt (j) u f'liema sitwazzjonijiet jistgħu jressqu t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5b u 5f. Meta tiżviluppa dawk l-istandards, l-ESMA għandha tikkunsidra l-implikazzjonijiet potenzjali ta' tali intervent superviżorju għall-protezzjoni tal-	L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jindikaw f'liema sitwazzjonijiet l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżerċitaw is-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 46(2), fil-punt (j) u f'liema sitwazzjonijiet jistgħu jressqu t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5b u 5f. Meta tiżviluppa dawk l-istandards, l-ESMA għandha tikkunsidra l-implikazzjonijiet potenzjali ta' tali intervent superviżorju għall-protezzjoni tal-

investituri u l-istabbiltà finanzjarja fi Stat Membru ieħor jew fl-Unjoni.	investituri u l-istabbiltà finanzjarja fi Stat Membru ieħor jew fl-Unjoni. ***Dawk l-istandards għandhom jirrikonoxxu li r-responsabbiltà primarja għall-immaniġġjar tar-riskju tal-likwidità tibqa' f'idejn l-AIFM u li l-intervent mill-awtoritajiet kompetenti hija l-aħħar soluzzjoni.***
	Or. en

Emenda 75

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 61 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-AIF, jew fil-każ meta l-AIF ma jkunx regolat, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari ta' AIFM, jistgħu jippermettu l-istituzzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 21(3) u stabbiliti fi Stat Membru ieħor li jinħatru bħala depożitarji. Din id-dispożizzjoni għandha tkun bla ħsara għall-applikazzjoni sħiħa tal-Artikolu 21, ħlief għall-punt (a) tal-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu dwar il-post fejn id-depożitarju se jkun stabbilit.";	"5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-AIF, jew fil-każ meta l-AIF ma jkunx regolat, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari ta' AIFM, jistgħu jippermettu l-istituzzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 21(3) u stabbiliti fi Stat Membru ieħor li jinħatru bħala depożitarji. ***Meta jeżerċitaw dik il-possibbiltà, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu fuq bażi ta' każ b'każ u għandhom jinnotifikaw lill-ESMA bid-deċiżjonijiet meħuda f'dak ir-rigward.*** Din id-dispożizzjoni għandha tkun bla ħsara għall-applikazzjoni sħiħa tal-Artikolu 21, ħlief għall-punt (a) tal-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu dwar il-post fejn id-depożitarju se jkun stabbilit.";
	Or. en

Emenda 76

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21

Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 69b – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa ***[Jekk jogħġbok daħħal id-data*** = 60 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u wara ***r-rieżamijiet*** bejn il-pari mill-ESMA ***msemmija*** fl-Artikolu 38a u r-rapporti prodotti mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 7(9), il-Kummissjoni għandha tibda rieżami tal-funzjonament tar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħhom. Dan ir-rieżami għandu jinkludi valutazzjoni tal-aspetti li ġejjin:	1. Sa **...** [60 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u wara ***r-rieżami*** bejn il-pari mill-ESMA ***msemmi*** fl-Artikolu 38a u r-rapporti prodotti mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 7(9), il-Kummissjoni għandha tibda rieżami tal-funzjonament tar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħhom. Dan ir-rieżami għandu jinkludi valutazzjoni tal-aspetti li ġejjin:

Or. en

Emenda 77

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21
Direttiva 2011/61/UE
Artikolu 69b – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. Għall-finijiet tal-punt (d) tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha sa ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] twettaq studju komprensiv dwar il-benefiċċji u r-riskji potenzjali tal-introduzzjoni ta' passaport depożitarju tal-UE.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
	"2a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, meta l-funzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, kif imsemmi fit-tielet inċiż tal-Anness II, titwettaq minn distributur wieħed jew aktar li ma jkunux qed jaġixxu f'isem il-UCITS, skont ftehim bejn il-UCITS u dak id-distributur jew dawk id-distributuri, tali funzjoni ma għandhiex titqies bħala delega li hija soġġetta għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu."

Or. en

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c – parti introduttorja
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 13 – paragrafi 3 sa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżdiedu l-paragrafi ***3, 4,*** 5 u 6 li ġejjin:	(c) jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

Or. en

Emenda 80

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"3. Meta kumpanija tal-maniġment tiddelega aktar funzjonijiet ta' ġestjoni tal-portafoll jew ta' ġestjoni tar-riskju lil entitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi milli	***imħassar***

jżomm, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq bażi annwali, jinnotifikaw lill-ESMA dwar dawn id-delegazzjonijiet kollha ("notifiki ta' delega").

In-notifiki ta' delega għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) informazzjoni dwar il-UCITS u l-kumpanija tal-maniġment kkonċernata tagħha;

(b) informazzjoni dwar id-delegat, li tispeċifika d-domiċilju tad-delegat u jekk huwiex entità regolata jew le;

(c) deskrizzjoni tal-funzjonijiet iddelegati tal-ġestjoni tal-portafoll u tal-ġestjoni tar-riskju;

(d) deskrizzjoni tal-funzjonijiet miżmuma tal-ġestjoni tal-portafoll u tal-ġestjoni tar-riskju;

(e) kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex jiġu analizzati l-arranġamenti ta' delega;

(f) deskrizzjoni tal-attivitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti, inklużi rieżamijiet ibbażati fuq id-dokumentazzjoni u spezzjonijiet fuq il-post u r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet;

(g) kwalunkwe dettall dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità superviżorja tad-delegat.

Or. en

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji	***imħassar***

biex tiddetermina l-kontenut tan-notifiki ta' delega u l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għat-trażmissjoni tan-notifiki ta' delega f'lingwa abitwali għall-isfera tal-finanzi. Il-formoli u l-mudelli standard għandhom jinkludu kampijiet ta' informazzjoni li jkopru l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3.

Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 82

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-ESMA*** għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni ***b'rapporti*** regolari, tal-anqas kull sentejn, li ***janalizzaw il-prattiki*** tas-suq fir-rigward tad-delega lil entitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi u l-konformità mal-Artikoli 7 u 13.	5. ***Sa ... [12-il xahar qabel id-data tar-rieżami msemmi fl-Artikolu 110a] l-ESMA*** għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni ***rapport*** regolari, tal-anqas kull sentejn, li ***janalizza l-prattiki*** tas-suq fir-rigward tad-delega lil entitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi u l-konformità mal-Artikoli 7 u 13.

Or. en

Emenda 83

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 18a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Wara li tivvaluta l-adegwatezza fir-rigward tal-istrateġija ta' investiment segwita, il-profil tal-likwidità u l-politika ta' tifdija, kumpanija tal-maniġment għandha tagħżel mill-inqas għodda xierqa waħda għall-ġestjoni tal-likwidità mil-lista stabbilita fl-Anness IIA, il-punti 2 ***sa*** 4, u tinkludi ***fir-regoli*** tal-fond jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpanija ta' investiment għal użu possibbli fl-interess tal-investituri tal-UCITS. Il-kumpanija tal-maniġment għandha timplimenta politiki u proċeduri dettaljati għall-attivazzjoni u d-diżattivazzjoni ta' kwalunkwe għodda magħżula għall-ġestjoni tal-likwidità u l-arranġamenti operazzjonali u amministrattivi għall-użu ta' din l-għodda.	2. Wara li tivvaluta l-adegwatezza fir-rigward tal-istrateġija ta' investiment segwita, il-profil tal-likwidità u l-politika ta' tifdija, kumpanija tal-maniġment għandha tagħżel mill-inqas għodda xierqa waħda għall-ġestjoni tal-likwidità mil-lista stabbilita fl-Anness IIA, il-punti 2***, 3,*** 4, ***5, 6 u 8,*** u tinkludi ***fir-regola*** tal-fond jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpanija ta' investiment għal użu possibbli fl-interess tal-investituri tal-UCITS. Il-kumpanija tal-maniġment għandha timplimenta politiki u proċeduri dettaljati għall-attivazzjoni u d-diżattivazzjoni ta' kwalunkwe għodda magħżula għall-ġestjoni tal-likwidità u l-arranġamenti operazzjonali u amministrattivi għall-użu ta' din l-għodda.

Or. en

Emenda 84

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 18a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddefinixxi u tispeċifika l-karatteristiċi tal-għodod għall-ġestjoni tal-likwidità stabbiliti fl-Anness IIA.	***imħassar***

Or. en

Emenda 85

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 18a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji għall-għażla u l-użu ta' għodod xierqa għall-ġestjoni tal-likwidità mill-kumpaniji tal-maniġment għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, inkluż divulgazzjonijiet xierqa lill-investituri, filwaqt li titqies il-kapaċità ta' dawn l-għodod biex jitnaqqsu l-vantaġġi mhux dovuti għall-investituri li jifdu l-investimenti tagħhom l-ewwel, u biex jittaffew ir-riskji tal-istabbiltà finanzjarja.	4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji għall-għażla u l-użu ta' għodod xierqa għall-ġestjoni tal-likwidità mill-kumpaniji tal-maniġment għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, inkluż divulgazzjonijiet xierqa lill-investituri, filwaqt li titqies il-kapaċità ta' dawn l-għodod biex jitnaqqsu l-vantaġġi mhux dovuti għall-investituri li jifdu l-investimenti tagħhom l-ewwel, u biex jittaffew ir-riskji tal-istabbiltà finanzjarja. ***Dawk l-istandards għandhom jirrikonoxxu li r-responsabbiltà primarja għall-immaniġġjar tar-riskju tal-likwidità tibqa' f'idejn il-UCITS. Għandhom jippermettu żmien adegwat għall-adattament qabel ma japplikaw, b'mod partikolari għall-UCITS eżistenti.***

Or. en

Emenda 86

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 20a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kumpanija tal-maniġment għandha tirrapporta regolarment lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħha dwar is-swieq u l-istrumenti li fihom tinnegozja f'isem il-UCITS li timmaniġġa.	1. Kumpanija tal-maniġment għandha tirrapporta regolarment lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħha dwar is-swieq u l-istrumenti li fihom tinnegozja f'isem il-UCITS li timmaniġġa***, u dwar informazzjoni ekonomika u kontabilistika rilevanti oħra li tinsab fil-paragrafu 1a***.

Or. en

Emenda 87

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 20a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. Kumpanija tal-maniġment għandha tirrapporta regolarment lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħha dwar informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' delega li jikkonċernaw il-ġestjoni tal-portafoll jew il-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju u b'mod partikolari:
	(i) informazzjoni dwar l-entitajiet li lilhom ikunu ġew iddelegati tali funzjonijiet (isem u identifikatur ta' entità ġuridika ta' kull delegat, il-ġuriżdizzjoni tal-istabbiliment tiegħu u, fejn rilevanti, l-awtorità superviżorja tiegħu);
	(ii) informazzjoni dwar il-funzjoni delegata, it-tip ta' delega (sħiħa jew parzjali), u d-data tal-ftehim ta' delega jew tal-kuntratt;
	(iii) meta jkun hemm fis-seħħ arranġamenti ta' sottodelega, l-istess informazzjoni fir-rigward tas-sottodelegati u l-funzjonijiet sottodelegati;
	(iv) id-data tal-konklużjoni u l-iskadenza tal-arranġamenti tad-delega u s-sottodelega;
	(v) deskrizzjoni tal-miżuri perjodiċi ta' diliġenza dovuta mwettqa mill-kumpanija tal-maniġment biex tissorvelja, timmonitorja u tikkontrolla d-delega, inkluża d-data tat-twettiq ta' dawk il-miżuri, il-kwistjonijiet identifikati u, fejn rilevanti, il-miżuri u l-iskeda ta' żmien adottati biex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet.

Or. en

Emenda 88

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 20a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji li għandhom jiġu rrapportati f'konformità ***mal-paragrafu*** 1. L-ESMA għandha tqis rekwiżiti oħra ta' rapportar li għalihom huma soġġetti l-kumpaniji tal-maniġment u r-rapport maħruġ f'konformità mal-Artikolu 20b.	L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji li għandhom jiġu rrapportati f'konformità ***mal-paragrafi*** 1 ***u 1a ta' dan l-Artikolu***. L-ESMA għandha tqis rekwiżiti oħra ta' rapportar li għalihom huma soġġetti l-kumpaniji tal-maniġment u r-rapport maħruġ f'konformità mal-Artikolu 20b.

Or. en

Emenda 89

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 20a – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istandards tal-format u tad-data għar-rapporti msemmija ***fil-paragrafu*** 1;	(a) l-istandards tal-format u tad-data għar-rapporti msemmija ***fil-paragrafi*** 1 ***u 1a***;

Or. en

Emenda 90

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 20a – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) metodi u arranġamenti biex jiġu ppreżentati r-rapporti msemmija fil-paragrafi 1 u 1a, inklużi metodi u arranġamenti biex jittejbu l-istandardizzazzjoni tad-data u l-kondiviżjoni u l-użu effiċjenti tad-data diġà rrapportata fi ħdan kwalunkwe qafas ta' rapportar tal-Unjoni minn kwalunkwe awtorità kompetenti rilevanti, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll dak nazzjonali.

Or. en

Emenda 91

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 20a – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta tiżviluppa dak l-abbozz ta' standards tekniċi, l-ESMA għandha tqis l-iżviluppi u l-istandards internazzjonali miftiehma fil-livell tal-Unjoni jew globali u s-sejbiet tar-rapport maħruġ f'konformità mal-Artikolu 20b.

Or. en

Emenda 92

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 22a – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"(c) id-depożitarju jkun eżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuti fl-għażla u l-ħatra ta' kwalunkwe parti terza li lilha jkollu l-intenzjoni jiddelega partijiet	"(c) id-depożitarju jkun eżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuti fl-għażla u l-ħatra ta' kwalunkwe parti terza li lilha jkollu l-intenzjoni jiddelega partijiet

mill-kompiti tiegħu, ħlief meta dik il-parti terza tkun depożitorju ċentrali tat-titoli li jaġixxi fil-kapaċità ta' CSD emittent kif definit ***fl-Artikolu 1, il-punt (e),*** tar-Regolament ***Delegat tal-Kummissjoni*** (UE) ***2017/392****, u jkompli jeżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuta fir-rieżami perjodiku u l-monitoraġġ kontinwu ta' kwalunkwe parti terza li lilha jkun iddelega partijiet mill-kompiti tiegħu u tal-arranġamenti tal-parti terza fir-rigward tal-materji ddelegati lilha.	mill-kompiti tiegħu, ħlief meta dik il-parti terza tkun depożitorju ċentrali tat-titoli li jaġixxi fil-kapaċità ta' CSD emittent kif definit ***fl-att delegat adottat abbażi tal-Artikoli 29(3) u 48(10)*** tar-Regolament (UE) ***Nru 909/2014***, u jkompli jeżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuta fir-rieżami perjodiku u l-monitoraġġ kontinwu ta' kwalunkwe parti terza li lilha jkun iddelega partijiet mill-kompiti tiegħu u tal-arranġamenti tal-parti terza fir-rigward tal-materji ddelegati lilha.
_____	
**** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/392 tal-11 ta' Novembru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, superviżorji u operazzjonali għal depożitarji ċentrali tat-titoli (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 48)";***	
	Or. en

Emenda 93

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 22a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. "Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-għoti ta' servizzi minn depożitorju ċentrali tat-titoli li jaġixxi fil-kapaċità ta' CSD emittent, kif definit ***fl-Artikolu 1, il-punt*** (***e***) ***tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni*** (UE) ***2017/392,*** ma għandux jitqies bħala delega tal-funzjonijiet ta' kustodja tad-depożitarju. ";	4. "Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-għoti ta' servizzi minn depożitorju ċentrali tat-titoli li jaġixxi fil-kapaċità ta' CSD emittent, kif definit ***fl-att delegat adottat abbażi tal-Artikoli 29***(***3***) ***u 48(10) tar-Regolament*** (UE) ***Nru 909/2014*** ma għandux jitqies bħala delega tal-funzjonijiet ta' kustodja tad-depożitarju. ";
	Or. en

Emenda 94

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 84 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fl-interess tat-titolari tal-unitajiet jew tal-pubbliku, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru domiċiljari tal-UCITS jistgħu jirrikjedu li UCITS tattiva għodda għall-ġestjoni tal-likwidità msemmija fil-punti 1 jew 2 tal-Anness IIa, jew magħżula u nnotifikata mill-UCITS f'konformità mal-Artikolu 18a(2), skont liema tkun l-aktar xierqa meta jitqies it-tip ta' UCITS u r-riskji li jeħtieġu t-teħid ta' din il-miżura.	(b) fl-interess tat-titolari tal-unitajiet jew tal-pubbliku, ***f'ċirkostanzi eċċezzjonali u wara konsultazzjoni mal-UCITS,*** l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru domiċiljari tal-UCITS jistgħu jirrikjedu li UCITS tattiva għodda għall-ġestjoni tal-likwidità msemmija fil-punti 1 jew 2 tal-Anness IIa, jew magħżula u nnotifikata mill-UCITS f'konformità mal-Artikolu 18a(2), skont liema tkun l-aktar xierqa meta jitqies it-tip ta' UCITS u r-riskji li jeħtieġu t-teħid ta' din il-miżura.

Or. en

Emenda 95

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva 2009/65/CE
Artikolu 84 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-UCITS għandha tinnotifika, mingħajr dewmien, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħha u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha***, meta tattiva jew tiddiżattiva għodda għall-ġestjoni tal-likwidità msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a)***.	***Meta UCITS tuża waħda mill-għodod għall-ġestjoni tal-likwidità elenkati fil-punti 1 sa 4 tal-lista stabbilita fl-Anness IIA, f'sitwazzjonijiet ta' stress ta' likwidità, hija*** għandha tinnotifika, mingħajr dewmien, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħha u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha.

Or. en

Emenda 96

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 84 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS għandhom jinformaw, mingħajr dewmien, lill-ESMA ***u lill-BERS*** dwar kwalunkwe notifika riċevuta f'konformità ma' dan il-paragrafu.	L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS għandhom jinformaw, mingħajr dewmien, lill-ESMA dwar kwalunkwe notifika riċevuta f'konformità ma' dan il-paragrafu. ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS għandhom jinnotifikaw lill-BERS jekk ikun hemm kwalunkwe riskju potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja.***

Or. en

Emenda 97

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 84 – paragrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-UCITS tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, lill-ESMA ***u lill-BERS*** qabel ma jeżerċitaw is-setgħat skont il-paragrafu 2, il-punt (b).	3a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li fihom il-UCITS tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha, lill-ESMA qabel ma jeżerċitaw is-setgħat skont il-paragrafu 2, il-punt (b). ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS għandhom jinnotifikaw lill-BERS jekk ikun hemm kwalunkwe riskju potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja.***

Or. en

Emenda 98

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 84 – paragrafu 3b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3b. L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri li fihom UCITS tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS biex teżerċita s-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punt (b), filwaqt li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba u tinnotifika lill-ESMA u lill-BERS dwarha.	3b. L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri li fihom UCITS tikkummerċjalizza l-unitajiet tagħha tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS biex teżerċita s-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punt (b), filwaqt li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba u tinnotifika lill-ESMA u***, f'każ ta' kwalunkwe riskju potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja,*** lill-BERS dwarha.

Or. en

Emenda 99

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 84 – paragrafu 3c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3c. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS ma taqbilx mat-talba msemmija fil-paragrafu 3b, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti rikjedenti, lill-ESMA u lill-BERS dwar dan, filwaqt li tiddikjara r-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil.	3c. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS ma taqbilx mat-talba msemmija fil-paragrafu 3b, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti rikjedenti, lill-ESMA u***, f'każ ta' kwalunkwe riskju potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja,*** lill-BERS dwar dan, filwaqt li tiddikjara r-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil.

Or. en

Emenda 100

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 84 – paragrafu 3f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3f. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jindikaw f'liema sitwazzjonijiet l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżerċitaw is-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punt (b). Meta tiżviluppa dawk l-istandards, l-ESMA għandha tikkunsidra l-implikazzjonijiet potenzjali ta' tali intervent superviżorju għall-protezzjoni tal-investituri u l-istabbiltà finanzjarja fi Stat Membru ieħor jew fl-Unjoni.	3f. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jindikaw f'liema sitwazzjonijiet l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżerċitaw is-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punt (b). Meta tiżviluppa dawk l-istandards, l-ESMA għandha tikkunsidra l-implikazzjonijiet potenzjali ta' tali intervent superviżorju għall-protezzjoni tal-investituri u l-istabbiltà finanzjarja fi Stat Membru ieħor jew fl-Unjoni. ***Dawk l-istandards għandhom jirrikonoxxu li r-responsabbiltà primarja għall-immaniġġjar tar-riskju tal-likwidità tibqa' f'idejn il-UCITS u li l-intervent mill-awtoritajiet kompetenti hija l-aħħar soluzzjoni.***

Or. en

Emenda 101

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 98 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS teżerċita, mingħajr dewmien, is-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 2, filwaqt li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba tagħha u tinnotifika lill-ESMA, u jekk ikun hemm riskji potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja, il-BERS dwarha.	L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-UCITS tista'***, f'ċirkostanzi eċċezzjonali,*** titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tal-UCITS teżerċita, mingħajr dewmien, is-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 2, filwaqt li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba tagħha u tinnotifika lill-ESMA, u jekk ikun hemm riskji potenzjali għall-istabbiltà u l-integrità

tas-sistema finanzjarja, il-BERS dwarha.

Or. en

Emenda 102

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10
Direttiva 2009/65/KE
Artikolu 101a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-ESMA għandha, fuq bażi regolari*** u ***mill-inqas kull sentejn***, twettaq analiżi tar-rieżami bejn il-pari tal-attivitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13. Dik l-analiżi tar-rieżami bejn il-pari għandha tiffoka fuq il-miżuri meħuda biex jiġi evitat li l-kumpaniji tal-maniġment, li jiddelegaw il-prestazzjoni tal-ġestjoni tal-portafoll jew il-ġestjoni tar-riskju lil partijiet terzi li jinsabu f'pajjiżi terzi, isiru entitajiet kaxxa tal-ittri.	1. ***Sa ... [12-il xahar qabel id-data tar-rieżami msemmi fl-Artikolu 110a],*** u ***nkella kif meħtieġ***, ***l-ESMA għandha*** twettaq analiżi tar-rieżami bejn il-pari tal-attivitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13. Dik l-analiżi tar-rieżami bejn il-pari għandha tiffoka fuq il-miżuri meħuda biex jiġi evitat li l-kumpaniji tal-maniġment, li jiddelegaw il-prestazzjoni tal-ġestjoni tal-portafoll jew il-ġestjoni tar-riskju lil partijiet terzi li jinsabu f'pajjiżi terzi, isiru entitajiet kaxxa tal-ittri.

Or. en

Emenda 103

Proposta għal direttiva
Anness II
Direttiva 2011/61/UE
Anness V – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
STRUMENTI TAL-ĠESTJONI TAL-LIKWIDITÀ DISPONIBBLI GĦALL-AIFMs LI JIMMANIĠĠAW AIFs MIFTUĦA	***GĦODOD*** TAL-ĠESTJONI TAL-LIKWIDITÀ DISPONIBBLI GĦALL-AIFMs LI JIMMANIĠĠAW AIFs MIFTUĦA

Or. en

Emenda 104

Proposta għal direttiva
Anness II
Direttiva 2011/61/UE
Anness V – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Sospensjoni ta' tifdijiet u sottoskrizzjonijiet: is-sospensjoni tat-tifdijiet u s-sottoskrizzjonijiet timplika li l-investituri temporanjament ma jistgħux jifdu jew jixtru l-ishma tal-fond.	(1) Sospensjoni ta' tifdijiet u sottoskrizzjonijiet: is-sospensjoni tat-tifdijiet u s-sottoskrizzjonijiet timplika li l-investituri temporanjament ma jistgħux jifdu jew jixtru ***l-unitajiet jew*** l-ishma tal-fond.

Or. en

Emenda 105

Proposta għal direttiva
Anness II
Direttiva 2011/61/UE
Anness V – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-limiti ta' tifdija: limitu ta' tifdija huwa restrizzjoni temporanja tad-dritt tal-azzjonisti li jifdu l-ishma tagħhom. Din ir-restrizzjoni ***tista' tkun sħiħa, fejn l-investituri ma jkunux jistgħu jifdu l-ishma tagħhom, jew*** parzjali, ***fejn*** l-investituri jkunu jistgħu jifdu biss ċertu porzjon ***tal-ishma*** tagħhom.	(2) Il-limiti ta' tifdija: limitu ta' tifdija huwa restrizzjoni temporanja tad-dritt tal-azzjonisti li jifdu ***l-unitajiet jew*** l-ishma tagħhom. Din ir-restrizzjoni ***hija*** parzjali, ***sabiex*** l-investituri jkunu jistgħu jifdu biss ċertu porzjon ***tal-unitajiet jew l-ishma*** tagħhom.

Or. en

Emenda 106

Proposta għal direttiva
Anness II

Direttiva 2011/61/UE
Anness V – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Perjodi ta' avviż: perjodu ta' avviż jirreferi għall-perjodu ta' avviż bil-quddiem li l-investituri jridu jagħtu lill-maniġers ta' fondi meta jifdu l-ishma tagħhom.	(3) Perjodi ta' avviż: perjodu ta' avviż jirreferi għall-perjodu ta' avviż bil-quddiem li l-investituri jridu jagħtu lill-maniġers ta' fondi meta jifdu ***l-unitajiet jew*** l-ishma tagħhom.

Or. en

Emenda 107

Proposta għal direttiva
Anness II
Direttiva 2011/61/UE
Anness V – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Tariffi ta' tifdija: tariffa ta' tifdija hija tariffa imposta fuq l-investituri meta jifdu l-ishma tal-fond tagħhom.	(4) Tariffi ta' tifdija: tariffa ta' tifdija hija tariffa ***determinata minn qabel*** imposta fuq l-investituri meta jifdu ***l-unitajiet jew*** l-ishma tal-fond tagħhom.

Or. en

Emenda 108

Proposta għal direttiva
Anness II
Direttiva 2011/61/UE
Anness V – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Aġġustar tal-valur tal-likwidazzjoni: l-aġġustar tal-valur tal-likwidazzjoni jista' jintuża biex jiġi aġġustat il-prezz tal-ishma f'fond ta' investiment sabiex jirrifletti l-kost tat-tranżazzjonijiet tal-fondi li jirriżultaw minn attività tal-investituri.	(5) Aġġustar tal-valur tal-likwidazzjoni: l-aġġustar tal-valur tal-likwidazzjoni jista' jintuża biex jiġi aġġustat il-prezz ***tal-unitajiet jew*** tal-ishma f'fond ta' investiment sabiex jirrifletti l-kost tat-tranżazzjonijiet tal-fondi li jirriżultaw minn attività tal-investituri.

Or. en

Emenda 109

Proposta għal direttiva
Anness II
Direttiva 2011/61/UE
Anness V – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Imposta kontra d-dilwizzjoni: imposta kontra d-dilwizzjoni hija imposta applikata għal investituri individwali li jagħmlu tranżazzjonijiet, pagabbli lill-fond, biex l-investituri li jifdal jiġu protetti milli jġorru l-kostijiet assoċjati max-xiri jew il-bejgħ ta' assi minħabba flussi kbar ta' dħul jew ħruġ. Imposta kontra d-dilwizzjoni ma tinvolvi l-ebda aġġustament għall-valur tal-ishma tal-fond.	(6) Imposta kontra d-dilwizzjoni: imposta kontra d-dilwizzjoni hija imposta applikata għal investituri individwali li jagħmlu tranżazzjonijiet, pagabbli lill-fond, biex l-investituri li jifdal jiġu protetti milli jġorru l-kostijiet assoċjati max-xiri jew il-bejgħ ta' assi minħabba flussi kbar ta' dħul jew ħruġ. Imposta kontra d-dilwizzjoni ma tinvolvi l-ebda aġġustament għall-valur ***tal-unitajiet jew*** tal-ishma tal-fond. ***L-imposta għandha tiġi kkalkulata billi jitqiesu l-kostijiet tal-likwidità u l-kundizzjonijiet tas-suq kontinwi.***

Or. en

Emenda 110

Proposta għal direttiva
Anness IV
Direttiva 2009/65/KE
Anness IIA – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
STRUMENTI TAL-IMMANIĠĠAR TAL-LIKWIDITÀ DISPONIBBLI GĦALL-UCITS	***GĦODOD*** TAL-IMMANIĠĠAR TAL-LIKWIDITÀ DISPONIBBLI GĦALL-UCITS

Or. en

Emenda 111

Proposta għal direttiva
Anness IV
Direttiva 2009/65/KE
Anness IIA – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Sospensjoni ta' tifdijiet u sottoskrizzjonijiet: is-sospensjoni tat-tifdijiet u s-sottoskrizzjonijiet timplika li l-investituri temporanjament ma jistgħux jifdu jew jixtru ***l-ishma*** tal-fond.	(1) Sospensjoni ta' tifdijiet u sottoskrizzjonijiet: is-sospensjoni tat-tifdijiet u s-sottoskrizzjonijiet timplika li l-investituri temporanjament ma jistgħux jifdu jew jixtru ***l-unitajiet*** tal-fond.

Or. en

Emenda 112

Proposta għal direttiva
Anness IV
Direttiva 2009/65/KE
Anness IIA – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-limiti ta' tifdija: limitu ta' tifdija huwa restrizzjoni temporanja tad-dritt ***tal-azzjonisti*** li jifdu ***l-ishma*** tagħhom. Din ir-restrizzjoni ***tista' tkun sħiħa, fejn l-investituri ma jkunux jistgħu jifdu l-ishma tagħhom, jew*** parzjali, ***fejn*** l-investituri jkunu jistgħu jifdu biss ċertu porzjon ***tal-ishma*** tagħhom.	(2) Il-limiti ta' tifdija: limitu ta' tifdija huwa restrizzjoni temporanja tad-dritt ***tat-titolari ta' unitajiet*** li jifdu ***l-unitajiet*** tagħhom. Din ir-restrizzjoni ***hija*** parzjali, ***sabiex*** l-investituri jkunu jistgħu jifdu biss ċertu porzjon ***tal-unitajiet*** tagħhom.

Or. en

Emenda 113

Proposta għal direttiva
Anness IV
Direttiva 2009/65/KE
Anness IIA – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Perjodi ta' avviż: perjodu ta' avviż jirreferi għall-perjodu ta' avviż bil-quddiem li l-investituri jridu jagħtu lill-maniġers ta' fondi meta jifdu l-ishma tagħhom.	(3) Perjodi ta' avviż: perjodu ta' avviż jirreferi għall-perjodu ta' avviż bil-quddiem li l-investituri jridu jagħtu lill-maniġers ta' fondi meta jifdu l-unitajiet tagħhom.

Or. en

Emenda 114

Proposta għal direttiva
Anness IV
Direttiva 2009/65/KE
Anness IIA – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Tariffi ta' tifdija: tariffa ta' tifdija hija tariffa imposta fuq l-investituri meta jifdu ***l-ishma*** tal-fond tagħhom.	(4) Tariffi ta' tifdija: tariffa ta' tifdija hija tariffa imposta fuq l-investituri meta jifdu ***l-unitajiet*** tal-fond tagħhom.

Or. en

Emenda 115

Proposta għal direttiva
Anness IV
Direttiva 2009/65/KE
Anness IIA – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Aġġustar tal-valur tal-likwidazzjoni: l-aġġustar tal-valur tal-likwidazzjoni jista' jintuża biex jiġi aġġustat il-prezz ***tal-ishma*** f'fond ta' investiment sabiex jirrifletti l-kost tat-tranżazzjonijiet tal-fondi li jirriżultaw minn attività tal-investituri.	(5) Aġġustar tal-valur tal-likwidazzjoni: l-aġġustar tal-valur tal-likwidazzjoni jista' jintuża biex jiġi aġġustat il-prezz ***tal-unitajiet*** f'fond ta' investiment sabiex jirrifletti l-kost tat-tranżazzjonijiet tal-fondi li jirriżultaw minn attività tal-investituri.

Or. en

Emenda 116

Proposta għal direttiva
Anness IV
Direttiva 2009/65/KE
Anness IIA – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Imposta kontra d-dilwizzjoni: imposta kontra d-dilwizzjoni hija imposta applikata għal investituri individwali li jagħmlu tranżazzjonijiet, pagabbli lill-fond, biex l-investituri li jifdal jiġu protetti milli jġorru l-kostijiet assoċjati max-xiri jew il-bejgħ ta' assi minħabba flussi kbar ta' dħul jew ħruġ. Imposta kontra d-dilwizzjoni ma tinvolvi l-ebda aġġustament għall-valur ***tal-ishma*** tal-fond.	(6) Imposta kontra d-dilwizzjoni: imposta kontra d-dilwizzjoni hija imposta applikata għal investituri individwali li jagħmlu tranżazzjonijiet, pagabbli lill-fond, biex l-investituri li jifdal jiġu protetti milli jġorru l-kostijiet assoċjati max-xiri jew il-bejgħ ta' assi minħabba flussi kbar ta' dħul jew ħruġ. Imposta kontra d-dilwizzjoni ma tinvolvi l-ebda aġġustament għall-valur ***tal-unitajiet*** tal-fond.

Or. en

Emenda 117

Proposta għal direttiva
Anness IV
Direttiva 2011/65/KE
Anness IIA – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Tifdijiet in natura: it-tifdijiet in natura jippermettu lill-maniġer tal-fond jissodisfa talba ta' tifdija billi jittrasferixxi titoli miżmuma mill-fond, minflok flus, ***lill-azzjonisti*** li jifdu.	(7) Tifdijiet in natura: it-tifdijiet in natura jippermettu lill-maniġer tal-fond jissodisfa talba ta' tifdija billi jittrasferixxi titoli miżmuma mill-fond, minflok flus, ***lit-titolari ta' unitajiet*** li jifdu.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tal-Kummissjoni fil-kuntest tagħha

Id-Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFMD) ġiet adottata fl-2011 wara l-kriżi finanzjarja globali, biex jinkisbu superviżjoni u mmaniġġjar koerenti tar-riskji li jistgħu jiġġeneraw fondi ta' investiment alternattivi (AIFs), u biex tingħata protezzjoni lill-investituri.

L-Artikolu 69 tad-Direttiva jitlob rieżami tal-applikazzjoni, l-impatt u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha. F'dan il-kuntest, f'Ġunju 2020 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rapport u valutazzjoni dettaljata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE. L-evalwazzjoni tal-AIFMD, li saret mill-Kummissjoni b'mod parallel mal-valutazzjoni tal-impatt issib li d-Direttiva fil-biċċa l-kbira laħqet l-objettivi tagħha, iżda tista' tibbenefika minn xi titjib f'oqsma li jew ma ġewx indirizzati biżżejjed fl-2011 jew li evolvew b'mod konsiderevoli minn dak iż-żmien 'l hawn.

F'dan l-isfond, fl-24 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni adottat ukoll pjan ta' azzjoni ġdid tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU).

Il-Kummissjoni indikat li t-tlestija tas-CMU hija meħtieġa aktar minn qatt qabel fil-kuntest attwali. Sabiex tappoġġa l-irkupru ekonomiku wara l-pandemija tal-COVID-19 u l-aggressjoni li għaddejja mir-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE teħtieġ it-tip ta' sorsi profondi, kompetittivi, effiċjenti u affidabbli ta' finanzjament u investiment li s-swieq kapitali integrati jistgħu joffru.

F'konformità mal-konklużjonijiet tar-rapport, il-valutazzjoni u l-pjan ta' azzjoni tagħha ta' CMU, il-Kummissjoni, fil-25 ta' Novembru 2021 żvelat il-proposta tagħha li temenda d-Direttivi 2011/61/UE u 2009/65/KE fir-rigward tal-arranġamenti ta' delega, il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, ir-rapportar superviżorju, il-forniment ta' servizzi depożitarji u ta' kustodja u l-oriġinazzjoni tas-self minn fondi ta' investiment alternattivi.

Din il-proposta tal-Kummissjoni hija inizjattiva tal-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT), parti mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021 u d-dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi. Xi elementi huma rilevanti wkoll għal skemi ta' investiment kollettiv fil-livell tal-konsumatur, regolati mid-Direttiva fir-rigward tal-Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli (UCITS), li għalhekk qed jiġi propost ukoll li tiġi emendata sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-AIFMD.

Ir-rieżami tal-AIFMD flimkien mad-Direttiva UCITS huwa parti essenzjali mill-proġett tas-CMU, waħda mill-akbar ambizzjonijiet tal-UE mill-2015.

Il-proposta tal-Kummissjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, li, għall-ewwel darba mir-rispons politiku tagħha għall-kriżi finanzjarja globali, fittxet li tagħmel rieżami tal-funzjonament ta' dawn l-istrumenti

fl-Unjoni bil-għan li ssaħħaħ is-sistema finanzjarja Ewropea. Ir-rapporteur tilqa' l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea għat-tnedija tal-pakkett leġiżlattiv tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali f'Novembru 2021 u tqisu bħala pass meħtieġ lejn it-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Il-kriżi globali kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 għamlet saħansitra aktar evidenti l-valur intrinsiku li s-swieq kapitali għandhom għall-unitajiet domestiċi u n-negozji tagħna bħala mezz ta' finanzjament. Sistema bankarja robusta fl-Ewropa wriet li hija essenzjali, iżda mhux biżżejjed għal rispons b'saħħtu mis-swieq tagħna għal xokkijiet jew kriżijiet mhux mistennija. Is-swieq kapitali huma għodda fundamentali għar-rikapitalizzazzjoni tal-kumpaniji tagħna u biex jappoġġaw l-irkupru tal-ekonomija Ewropea tagħna f'dawn il-mumenti kritiċi.

Fir-rigward ta' din ir-reviżjoni proposta, ta' min jinnota l-benefiċċji ta' fondi ta' investiment alternattivi u veikoli ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli bħala għodod għad-diversifikazzjoni tal-portafolli ta' investiment u bħala strumenti għall-promozzjoni tat-tfaddil għall-investituri. Fil-qosor, din id-Direttiva hija maħsuba biex tindirizza wħud mill-isfidi u l-objettivi ewlenin stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni tal-2020 tal-Kummissjoni Ewropea mit-tnedija tal-proġett tas-CMU.

Is-suq tal-maniġers tal-assi fl-Ewropa qed jiffunzjona tajjeb u l-Unjoni Ewropea hija reġjun li jattira operazzjonijiet kbar u maniġers internazzjonali li jixtiequ jinvestu fis-swieq tagħna. Skont ir-rapport tal-ESMA tal-2022, *Rapport Statistiku Annwali dwar il-Fondi ta' Investiment Alternattivi tal-UE*, id-daqs tas-suq tal-Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIF) tal-UE kompla jespandi biex jilħaq il-EUR 5.9 triljun f'valur nett tal-assi fi tmiem l-2020, li jirrappreżenta terz tal-industrija tal-fondi taż-Żona Ekonomika Ewropea fl-istess data.

Peress li hija konxja tax-xejra dejjem akbar ta' din l-industrija, li żdiedet bi 8 % matul l-istess perjodu fl-2019, iżda għadha taħt swieq oħra bħall-Istati Uniti, huwa essenzjali li nirriflettu dwar kif dan is-settur jista' jkompli jiġi ffaċilitat biex jikber fil-volum u fil-kwalità b'pass li jagħmel lill-UE reġjun aktar kompetittiv.
Matul dawn l-aħħar ftit snin, is-swieq kapitali Ewropej kibru fil-volum iżda għad hemm ħafna lok għat-tkabbir. L-Unjoni Ewropea topera u tikkompeti f'suq globali u l-iżvilupp tal-industrija tagħha jrid imur pass oltre.

Il-Pożizzjoni tar-Rapporteur

L-emendi proposti mir-rapporteur f'dan l-abbozz ta' rapport huma r-riżultat ta' studju fil-fond tas-suġġett u diskussjonijiet estensivi ma' diversi regolaturi, superviżuri u partijiet interessati. L-għan aħħari tal-proposta tar-rapporteur huwa biss li ttejjeb, issaħħaħ u tiffaċilita t-tkabbir tas-suq tal-maniġers tal-assi fl-Ewropa.

Bl-emendi li jinsabu f'dan l-abbozz ta' rapport, ir-rapporteur tistenna li s-swieq kapitali Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward ta' fondi ta' investiment alternattivi u impriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli, jistgħu jtejbu l-funzjonament tagħhom billi jħeġġu t-tkabbir u l-kompetittività globali tagħhom.

Dan l-abbozz ta' rapport iwieġeb għall-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li jfittex li jikkompleta u jikkontribwixxi għall-objettiv tal-integrazzjoni tas-swieq kapitali Ewropej. F'dan is-sens, l-oqsma ewlenin ta' titjib għar-rapporteur huma:

- **Delega u rapportar superviżorju.** Ir-rapporteur tqis li d-delega hija parti essenzjali mill-attività tal-AIFMs. Id-delega tippermetti lill-maniġers tal-assi jistabbilixxu fond fl-UE u jwettqu ġestjoni tal-portafoll jew ġestjoni tar-riskju minn ġuriżdizzjonijiet oħra. Sabiex tiġi promossa din l-attività, dan l-abbozz ta' rapport jipprova jsib bilanċ biex ma jkunx ta' piż fuq dan il-proċess, filwaqt li fl-istess ħin jagħti setgħat ta' rapportar komprensivi lill-awtoritajiet kompetenti.

- **Għodod għall-Ġestjoni tal-Likwidità (LMTs).** Ir-rapporteur tilqa' l-fatt li dawn l-għodod huma estiżi u disponibbli fuq bażi pan-Ewropea biex is-swieq isiru aktar likwidi u attraenti għall-investituri. Il-bidliet proposti għall-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għandhom l-għan li jiċċaraw li d-deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà primarja tal-għodod għall-ġestjoni tal-likwidità hija kompitu tal-maniġer. Konsegwentement, kwalunkwe rwol tal-awtoritajiet kompetenti biex jattivaw jew jiddiżattivaw l-LMTs għandu jkun limitat għal ċirkostanzi straordinarji, wara konsultazzjoni mal-maniġer.

- **Fondi tal-Oriġini tas-Self.** Ir-rapporteur tilqa' l-fatt li s-swieq Ewropej potenzjalment qed jiżviluppaw dan il-qasam. Il-fondi li joriġinaw is-self ippożizzjonaw lilhom infushom bħala strument ta' finanzjament alternattiv pożittiv ħafna għall-ekonomija reali, l-SMEs u investituri oħra. Għal dik ir-raġuni, l-emendi proposti f'dan l-abbozz ta' rapport għandhom l-għan li jneħħu r-ritenzjoni tar-riskju bla bżonn u li jwissu kontra l-ħolqien ta' regoli speċifiċi għall-prodott.

- **Servizzi tad-depożitarji.** Ir-rapporteur hija konxja mill-funzjoni ewlenija li s-servizzi depożitarji għandhom għall-funzjonament tajjeb tal-industrija tal-fondi. Imnebbħa mill-prinċipju tal-kompetittività u l-integrazzjoni tas-swieq, il-bidliet proposti għandhom l-għan li jwittu t-triq lejn servizzi tad-depożitarji aktar effiċjenti fost l-Istati Membri. Ir-rapporteur tħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tniedi studju komprensiv dwar l-ispiża, il-benefiċċji u l-fattibbiltà ta' passaport depożitarju fl-UE.

- **It-trasparenza, il-ġbir u l-iżvelar tad-data.** Ir-rapporteur tħeġġeġ reġim trasparenti sħiħ li fih il-ġbir u l-iżvelar tad-data lill-investituri jkunu garantiti bis-sħiħ iżda mingħajr ma jiddgħajfu t-tkabbir u l-kompetittività tas-swieq kapitali Ewropej. Il-kooperazzjoni bejn l-NCAs u l-ESMA għandha tittejjeb u tiġi ssimplifikata sabiex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet, tiġi garantita l-kwalità tal-informazzjoni rrapportata u r-reġim ta' konverġenza superviżorja jsir aktar effiċjenti.

Billi tibda minn dan l-abbozz ta' rapport u bil-kollaborazzjoni ulterjuri tal-bqija tal-gruppi politiċi, ir-rapporteur għandha fiduċja li r-riżultat ta' dan il-proċess se jwassal għat-tisħiħ tas-settur Ewropew u t-tkabbir tal-industrija tal-fondi ta' investiment alternattiv u l-impriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli.

Ir-rispons tal-Parlament Ewropew se jkun sod u mmirat lejn l-għan li l-kapital isir aktar aċċessibbli fl-Ewropa, biex jiġi żgurat li l-maniġers ikollhom biżżejjed inċentivi biex l-operazzjonijiet tagħhom jibdew joperaw u biex jinkiseb l-aktar mod effiċjenti ta' superviżjoni biex tiġi żgurata l-istabbiltà fis-swieq u ambjent sikur għall-investituri.